

EBA/GL/2017/09

08/11/2017

Linji Gwida

dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' pagament u l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi u għar-reġistrazzjoni tal-fornituri ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet skont l-Artikolu 5(5) tad-Direttiva (UE) 2015/2366

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 08.01.2018. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2017/09'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

2. Is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jstabbilixxu l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' pagament, fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' fornituri ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet u fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi.

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward ta': (a) applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' pagament skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2015/2366; (b) reġistrazzjoni bħala fornitur ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet, skont l-Artikolu 5 u l-Artikolu 33 tad-Direttiva (UE) 2015/2366; u (c) applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni tal-flus elettroniċi, skont l-applikazzjoni *mutatis mutandis* tal-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 għall-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/110/KE.

Destinatarji

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti, kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u lill-istituzzjonijiet finanzjarji li ġejjin: istituzzjonijiet ta' pagament kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366; istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE; u fornituri ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet kif definit fil-punt (19) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366.

Definizzjonijiet

8. It-termini użati u definiti fid-Direttiva (UE) Nru 2015/2366 u fid-Direttiva 2009/110/KE għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida.

3. Implimentazzjoni

Data ta'applikazzjoni

9. Dawn il-linji gwida japplikaw mit-13 ta' Jannar 2018.

4. Erba' settijiet ta' Linji gwida, applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' pagament (PIS), il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (AISPs), l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi (EMIs), u l-awtoritajiet kompetenti (AK) rispettivament

4.1 Linji gwida dwar l-informazzjoni meħtieġa mill-applikanti għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjonijiet ta' pagament għall-provvista tas-servizzi 1-8 tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2015/2366

Linja Gwida 1: Prinċipji ġenerali

- 1.1 Dan is-sett ta' linji gwida japplika għall-applikanti għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjonijiet ta' pagament (PIs). Dan jinkludi applikanti li beħsiebhom jipprovdu xi servizz(i) (i)msemmi(ja) fil-punti 1-7 tal-Anness I tal-PSD2 jew is-servizz 8 flimkien ma' servizzi oħra ta' pagament. Applikanti li beħsiebhom jipprovdu biss is-servizz imsemmi fil-punt 8 tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (PSD2) huma soġġetti għas-sett ta' linji gwida speċifiku għall-fornituri ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (AISPs) stabbilit fit-taqsim 4.2.
- 1.2 L-informazzjoni pprovduta mill-applikanti għandha tkun vera, kompluta, preċiża u aġġornata. L-applikanti kollha għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet kollha fis-sett ta' linji gwida li japplika għalihom. Il-livell ta' dettall għandu jkun proporzjonat għad-daqs tal-applikant u l-organizzazzjoni interna, u għan-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kumplessità u r-riskju tas-servizz(i) partikolari li l-applikant beħsiebu jipprovdi. Fi kwalunkwe każ, skont id-Direttiva (UE) 2015/2366, id-diretturi u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-istituzzjoni ta' pagament huma ta' reputazzjoni tajba u għandhom għarfien u esperjenza xierqa sabiex iwettqu servizzi ta' pagament, irrispettivament mid-daqs tal-istituzzjoni, l-organizzazzjoni interna u n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha u d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-pożizzjoni speċifika.
- 1.3 Meta jippreżenta l-informazzjoni meħtieġa, l-applikant għandu jevita li jagħmel referenzi għal taqsimiet speċifiċi tal-proċeduri/dokumenti interni. Minflok, l-applikant għandu jagħżel it-taqsimiet rilevanti u jipprovdihom lill-awtorità kompetenti (AK).
- 1.4 Jekk l-AK ikunu jeħtieġu kjarifiki dwar l-informazzjoni li tkun ġiet ippreżentata, l-applikant għandu jipprovdi din il-kjarifika mingħajr dewmien.
- 1.5 Id-data kollha mitluba taħt dawn il-linji gwida għall-awtorizzazzjonijiet bħala istituzzjonijiet ta' pagament hija meħtieġa għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni u ser tiġi ttrattata mill-AK

skont l-obbligi ta' segretezza professjonali stabbiliti f'PSD2, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni applikabbli u r-rekwiżiti u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess, rettifika, kanċellazzjoni jew oppożizzjoni.

Linja Gwida 2: Dettalji ta' Identifikazzjoni

2.1 Id-dettalji ta' identifikazzjoni li l-applikant għandu jipprovdi, għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

- a) l-isem korporattiv tal-applikant u, jekk differenti, l-isem kummerċjali;
- b) indikazzjoni ta' jekk l-applikant huwiex diġà inkorporat jew fil-proċess li jiġi inkorporat;
- c) in-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-applikant, jekk applikabbli;
- d) l-istatus legali tal-applikant u (abbozz ta') statut ta' assoċjazzjoni u/jew dokumenti kostituzzjonali li jixhdu l-istatus legali tal-applikant;
- e) l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali u l-uffiċċju rreġistrat tal-applikant;
- f) l-indirizz elettroniku u s-sit web tal-applikant, jekk disponibbli;
- g) l-isem(ismijiet) tal-persuna(i) inkarigati li jindirizzaw il-fajl ta' applikazzjoni u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni, u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom;
- h) indikazzjoni ta' jekk l-applikant qatt kien, jew huwa attwalment irregolat minn awtorità kompetenti fis-settur tas-servizzi finanzjarji;
- i) kwalunkwe assoċjazzjoni kummerċjali fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' pagament li l-applikant jippjana li jissieħeb magħha, fejn applikabbli;
- j) iċ-ċertifikat ta' reġistru tal-inkorporazzjoni jew, jekk applikabbli, ċertifikat negattiv ta' reġistru merkantili li jiċċertifika li l-isem applikat mill-kumpanija huwa disponibbli;
- k) evidenza tal-pagament ta' kwalunkwe miżata jew tad-depożitu ta' fondi sabiex tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' pagament, fejn applikabbli skont il-liġi nazzjonali.

Linja Gwida 3: Programm ta' operazzjonijiet

3.1. Il-programm ta' operazzjonijiet li l-applikant għandu jipprovdi, għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- a) deskrizzjoni pass pass tat-tip ta' servizzi ta' pagament previsti, inkluża spjegazzjoni ta' kif l-attivitajiet u l-operazzjonijiet li ser ikunu pprovduti huma identifikati mill-applikant

bħala adattati għal kwalunkwe waħda mill-kategoriji legali tas-servizzi ta' pagament elenkati fl-Anness I ta' PSD2.

- b) dikjarazzjoni ta' jekk l-applikant, fi kwalunkwe punt, huwiex ser jidħol jew le fil-pussess ta' fondi;
- c) deskrizzjoni tal-eżekuzzjoni tas-servizzi differenti ta' pagament, bid-dettalji tal-partijiet kollha involuti, u għal kull servizz ta' pagament ipprovdut jiġu inklużi:
 - i. dijagramma tal-fluss ta' fondi, sakemm l-applikant mhux beħsiebu jipprovdi servizzi ta' bidu ta' pagament (PIS) biss;
 - ii. arranġamenti ta' saldu, sakemm l-applikant mhux beħsiebu jipprovdi PIS biss;
 - iii. abbozz ta' kuntratti bejn il-partijiet kollha involuti fil-provvista ta' servizzi ta' pagament inklużi dawk bl-iskemi ta' kards ta' pagament, jekk applikabbli;
 - iv. ħinijiet ta' pproċessar.
- d) kopja tal-abbozz tal-kuntratt qafas, kif definit fl-Artikolu 4(21) tal-PSD2;
- e) in-numru stmat ta' bini differenti li minnu l-applikant beħsiebu jipprovdi s-servizzi ta' pagament, u/jew iwettaq attivitajiet relatati mal-provvista tas-servizzi ta' pagament, jekk applikabbli;
- f) deskrizzjoni ta' kwalunkwe servizz anċillari għas-servizzi ta' pagament, jekk applikabbli;
- g) dikjarazzjoni ta' jekk l-applikant huwiex beħsiebu jagħti kreditu u, jekk iva, fi ħdan liema limiti;
- h) dikjarazzjoni ta' jekk l-applikant jippjanax li jipprovdi servizzi ta' pagament fi Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi wara l-għoti tal-liċenzja;
- i) indikazzjoni ta' jekk l-applikant huwiex beħsiebu, għat-tliet snin li ġejjin, jipprovdi jew diġà jipprovdi attivitajiet tan-negozju oħrajn kif imsemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva (UE) 2015/2366, inkluża deskrizzjoni tat-tip u l-volum mistenni tal-attivitajiet;
- j) l-informazzjoni speċifikata fil-Linji gwida tal-EBA dwar il-kriterji dwar kif wieħed għandu jistipula l-ammont monetarju minimu tal-Assigurazzjoni ta' Indennizz Professionali jew garanzija komparabbli oħra skont l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 fejn l-applikant beħsiebu jipprovdi s-servizzi 7 u 8 (PIS u servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (AIS)).

Linja Gwida 4: Pjan tan-negozju

4.1. Il-pjan tan-negozju li għandu jiġi pprovdut mill-applikant għandu jinkludi:

- a) pjan ta' kummerċjalizzazzjoni li jikkonsisti minn:
 - i. analiżi tal-pożizzjoni kompetittiva tal-kumpanija fis-segment tas-suq ta' pagament ikkonċernat;
 - ii. deskrizzjoni tal-utenti ta' servizzi ta' pagament, materjali ta' kummerċjalizzazzjoni u kanali ta' distribuzzjoni;
- b) fejn disponibbli għall-kumpaniji eżistenti, kontijiet annwali ċertifikati għat-tliet snin preċedenti, jew sommarju tas-sitwazzjoni finanzjarja għal dawk il-kumpaniji li għadhom ma pproduċewx kontijiet annwali;
- c) kalkolu ta' previżjoni tal-baġit għall-ewwel tliet snin finanzjarji li juri li l-applikant ikun jista' juża sistemi, riżorsi u proċeduri xierqa u proporzjonati li jippermettu lill-applikant jopera sew; dan għandu jinkludi:
 - i. rapport tal-introjtu u previżjoni tal-karta tal-bilanċ, inklużi xenarji fil-mira u xenarji ta' kriżi kif ukoll is-suppożizzjonijiet bażi tagħhom, bħall-volum u l-valur tat-tranżazzjonijiet, in-numru ta' klijenti, l-ipprezzar, l-ammont medju għal kull tranżazzjoni, żieda mistennija fil-livell limitu tal-profittabilità;
 - ii. spjegazzjonijiet tal-linji ewlenin ta' introjtu u nfiq, id-djun finanzjarji u l-assi kapitali;
 - iii. dijagramma u tqassim dettaljat tal-flussi tal-flus stmati għat-tliet snin li ġejjin;
- d) informazzjoni dwar fondi proprji, inklużi l-ammont u t-tqassim iddettaljat tal-kompożizzjoni ta' kapital inizjali kif stabbilit fl-Artikolu 7 ta' PSD2;
- e) informazzjoni dwar, u kalkolu ta', rekwiżiti minimi ta' fondi proprji skont il-metodu(i) msemmi(ja) fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (PSD2) kif iddeterminat mill-awtorità kompetenti, sakemm l-applikant mhux beħsiebu jipprovdi PIS biss, inklużi:
 - i. projezzjoni annwali tat-tqassim tal-fondi proprji għal tliet snin skont il-metodu użat;
 - ii. projezzjoni annwali tal-fondi proprji għal tliet snin skont il-metodi l-oħrajn.

Linja Gwida 5: Organizzazzjoni strutturali

5.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-organizzazzjoni strutturali tal-impriża tiegħu li tkun tikkonsisti minn:

- a) ċart organizzattiva dettaljata, li turi kull diviżjoni, dipartiment jew separazzjoni strutturali simili, inkluż l-isem tal-persuna(i) responsabbli, b' mod partikolari dawk inkarigati minn funzjonijiet ta' kontroll intern; iċ-ċart għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjonijiet tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet ta' kull diviżjoni, dipartiment jew separazzjoni strutturali simili;
- b) previżjoni globali tan-numri tal-persunal għat-tliet snin li ġejjin;
- c) deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni operattivi rilevanti li tikkonsisti minn:
 - i. l-identità u l-post ġeografiku tal-fornitur tal-esternalizzazzjoni;
 - ii. l-identità tal-persuni fi ħdan l-istituzzjoni ta' pagament li huma responsabbli għal kull waħda mill-attivitajiet esternalizzati;
 - iii. deskrizzjoni ċara tal-attivitajiet esternalizzati u l-karatteristiċi prinċipali tagħhom;
- d) kopja tal-abbozz tal-ftehimiet ta' esternalizzazzjoni;
- e) deskrizzjoni tal-użu ta' fergħat u aġenti, fejn applikabbli, inklużi:
 - i. immappjar tal-kontrolli barra mis-sit u fuq is-sit li l-applikant beħsiebu jwettaq, tal-anqas kull sena, fuq fergħat u aġenti u l-frekwenza tagħhom;
 - ii. is-sistemi tal-IT, il-proċessi u l-infrastruttura li jintużaw mill-aġenti tal-applikant sabiex iwettqu attivitajiet f'isem l-applikant;
 - iii. fil-każ tal-aġenti, il-politika tal-għażla, il-proċeduri ta' monitoraġġ u t-taħriġ tal-aġenti u, fejn disponibbli, l-abbozz ta' termini ta' ingaġġ;
 - iv. indikazzjoni tas-sistema ta' pagament nazzjonali u/jew internazzjonali li l-applikant ser jaċċessa, jekk applikabbli;
- f) lista tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha li għandhom rabtiet mill-qrib mal-applikant, li tindika l-identitajiet tagħhom u n-natura ta' dawk ir-rabtiet.

Linja Gwida 6: Evidenza tal-kapital inizjali

6.1 Għall-evidenza tal-kapital inizjali li għandha tiġi pprovduta mill-applikant (ta' EUR 125 000 għas-servizzi 1-5 tal-Anness I ta' PSD2; EUR 20 000 għas-servizz 6; u EUR 50 000 għas-servizz 7), l-applikant għandu jippreżenta d-dokumenti li ġejjin:

- a) għal impriżi eżistenti, rendikont awditjat jew reġistru pubbliku li jiċċertifika l-ammont tal-kapital tal-applikant;

- b) għal impriżi li qegħdin fil-proċess ta' inkorporazzjoni, rendikont bankarju maħruġ minn bank li jiċċertifika li l-fondi huma ddepożitati fil-kont tal-bank tal-applikant.

Linja Gwida 7: Miżuri biex il-fondi tal-utenti ta' servizzi ta' pagament jiġu ssalvagwardjati (applikabbli għas-servizzi ta' pagament 1-6 biss)

- 7.1. Meta l-applikant jissalvagwardja l-fondi tal-utenti ta' servizzi ta' pagament permezz tad-depożitu tal-fondi f'kont separat f'istituzzjoni ta' kreditu jew permezz ta' investiment f'assi sikuri, likwidi u b'riskju baxx, id-deskrizzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja għandu jkun fiha:
 - a) deskrizzjoni tal-politika ta' investiment sabiex jiġi żgurat li l-assi magħżula huma likwidi, sikuri u b'riskju baxx, jekk applikabbli;
 - b) in-numru ta' persuni li għandhom aċċess għas-salvagwardja tal-kont u l-funzjonijiet tagħhom;
 - c) deskrizzjoni tal-proċess amministrattiv u ta' rikonċiljazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-fondi tal-utenti ta' servizzi ta' pagament huma insulati fl-interess ta' utenti ta' servizzi ta' pagament kontra l-pretensjonijiet ta' kredituri oħra tal-istituzzjoni ta' pagament, b'mod partikolari fil-każ ta' insolvenza;
 - d) kopja tal-abbozz ta' kuntratt bl-istituzzjoni ta' kreditu;
 - e) dikjarazzjoni espliċita mill-istituzzjoni ta' pagament tal-konformità mal-Artikolu 10 ta' PSD2.
- 7.2. Fejn l-applikant jissalvagwardja l-fondi tal-utent ta' servizzi ta' pagament permezz ta' politika ta' assigurazzjoni jew garanzija komparabbli minn kumpanija ta' assigurazzjoni jew istituzzjoni ta' kreditu, id-deskrizzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja għandu jkun fiha dan li ġej:
 - a) konferma li l-politika ta' assigurazzjoni jew garanzija komparabbli minn kumpanija ta' assigurazzjoni jew istituzzjoni ta' kreditu hija minn entità li mhijiex parti mill-istess grupp ta' kumpaniji b'hal tal-applikant;
 - b) dettalji tal-proċess ta' rikonċiljazzjoni fis-seħħ sabiex jiġi żgurat li fil-ħinijiet kollha l-politika ta' assigurazzjoni jew il-garanzija komparabbli hija biżżejjed sabiex tissodisfa l-obbligi ta' salvagwardja tal-applikant;
 - c) durata u tiġdid tal-kopertura;
 - d) kopja tal-(abbozz ta') ftehim ta' assigurazzjoni jew l-(abbozz ta') garanzija komparabbli.

Linja Gwida 8: Arranġamenti ta' governanza u mekkaniżmi ta' kontroll intern

- 8.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-arranġament ta' governanza u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern li tkun tikkonsisti minn:
- a) immappjar tar-riskji identifikati mill-applikant, inkluż it-tip ta' riskji u l-proċeduri li l-applikant ser jimplimenta biex jivvaluta u jevita dawn ir-riskji;
 - b) il-proċeduri differenti sabiex jitwettqu kontrolli perjodiċi u permanenti inkluż il-frekwenza u r-riżorsi umani allokat; i;
 - c) il-proċeduri kontabilistiċi li permezz tagħhom l-applikant ser jirreġistra u jirrapporta l-informazzjoni finanzjarja tiegħu;
 - d) l-identità tal-persuna(i) responsabbli għall-funzjonijiet ta' kontroll intern, inkluż għal kontrolli perjodiku, permanenti u ta' konformità, kif ukoll curriculum vitae aġġornat;
 - e) l-identità ta' kwalunkwe awditur li mhuwiex awditur statutorju skont id-Direttiva 2006/43/KE;
 - f) il-kompożizzjoni tal-korp maniġerjali u, jekk applikabbli, ta' kwalunkwe korp ta' sorveljanza jew kumitat ieħor;
 - g) deskrizzjoni tal-mod li bih il-funzjonijiet esternalizzati huma mmonitorjati u kkontrollati sabiex jiġi evitat indeboliment fil-kwalità tal-kontrolli interni tal-istituzzjoni ta' pagament;
 - h) deskrizzjoni tal-mod li bih kwalunkwe aġent u fergħa huma mmonitorjati u kkontrollati fi ħdan il-qafas tal-kontrolli interni tal-applikant;
 - i) fejn l-applikant huwa s-sussidjarju ta' entità regolata fi Stat Membru ieħor tal-UE, deskrizzjoni tal-governanza tal-grupp.

Linja Gwida 9: Proċedura għall-monitoraġġ, trattar u segwitu tal-inċidenti ta' sigurtà u lmenti tal-konsumaturi relatati mas-sigurtà

- 9.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-proċedura fis-seħħ sabiex isir monitoraġġ, trattament u segwitu tal-inċidenti ta' sigurtà u tal-ilmenti tal-konsumaturi relatati mas-sigurtà li għandhom jiġu pprovduti mill-applikant, li għandu jkun fiha:
- a) miżuri organizzattivi u għodod għall-prevenzjoni tal-frodi;
 - b) dettalji tal-individwu(i) u korpi responsabbli għall-assistenza lill-klijenti f'każijiet ta' frodi, kwistjonijiet tekniċi u/jew ġestjoni tal-pretensjoni;

- c) linji ta' rappurta f'każijiet ta' frodi;
- d) il-punt ta' kuntatt għall-klijenti, inkluż isem u indirizz elettroniku;
- e) il-proċeduri għar-rappurta tal-inċidenti, inkluża l-komunikazzjoni ta' dawn ir-rapporti lill-korpi interni jew esterni, inkluża notifika ta' inċidenti maġġuri lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali skont l-Artikolu 96 ta' PSD2, u f'konformità mal-linji gwida tal-EBA dwar ir-rappurta tal-inċidenti taħt l-Artikolu msemmi.
- f) l-għodod ta' monitoraġġ użati u l-miżuri u l-proċeduri ta' segwitu fis-seħħ sabiex jittaffu r-riskji tas-sigurtà.

Linja Gwida 10: Proċess għall-preżentazzjoni, monitoraġġ, intraċċar u r-restrizzjoni tal-aċċess għal data sensittiva dwar pagamenti

10.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-proċess fis-seħħ sabiex jippreżenta, jimmonitorja, jintraċċa u jirrestrinġi l-aċċess għal data sensittiva dwar pagamenti li tikkonsisti minn:

- a) deskrizzjoni tal-flussi tad-data kklassifikata bħala data sensittiva dwar pagamenti fil-kuntest ta' mudell kummerċjali tal-istituzzjoni ta' pagament;
- b) il-proċeduri fis-seħħ sabiex jiġi awtorizzat l-aċċess għal data sensittiva dwar pagamenti;
- c) deskrizzjoni tal-għodda ta' monitoraġġ;
- d) il-politika għad-dritt ta' aċċess, bid-dettall tal-aċċess għall-komponenti u s-sistemi tal-infrastruttura kollha rilevanti, inklużi bażijiet tad-data u infrastrutturi ta' riżerva;
- e) sakemm l-applikant mhux beħsiebu jipprovdi PIS biss, deskrizzjoni ta' kif id-data miġbura tiġi ppreżentata;
- f) sakemm l-applikant mhux beħsiebu jipprovdi PIS biss, l-użu intern u/jew estern mistenni tad-data miġbura, inkluż mill-kontropartijiet;
- g) is-sistema tal-IT u l-miżuri tas-sigurtà teknika li ġew implimentati inkluż il-kriptaġġ u/jew it-tokenisation;
- h) identifikazzjoni tal-individwi, korpi u/jew kunitati b'aċċess għad-data sensittiva dwar pagamenti;
- i) spjegazzjoni ta' kif il-ksur ser jiġi identifikat u indirizzat;
- j) programm annwali ta' kontroll intern fir-rigward tas-sigurtà tas-sistemi tal-IT.

Linja Gwida 11: L-arranġamenti dwar il-kontinwità tan-negozju

11.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-arranġamenti dwar il-kontinwità tan-negozju li tkun tikkonsisti mill-informazzjoni li ġejja:

- a) analiżi tal-impatt fuq in-negozju, inklużi l-proċessi tan-negozju u l-għanijiet ta' rkupru, bħal għanijiet ta' ħin ta' rkupru, għanijiet ta' punt ta' rkupru u assi protetti;
- b) l-identifikazzjoni tas-sit ta' riżerva, aċċess għall-infrastruttura tal-IT, u s-softwer ewleni u d-data għal irkupru minn diżastru jew tfixkil;
- c) spjegazzjoni ta' kif l-applikant ser jindirizza avvenimenti ta' kontinwità u tfixkil sinifikanti, bħall-falliment ta' sistemi ewlenin; it-telf ta' data ewlenija; l-inaċċessibbiltà tal-bini; u t-telf ta' persuni ewlenin;
- d) il-frekwenza li biha l-applikant beħsiebu jittestja l-kontinwità tan-negozju u l-pjanijiet ta' rkupru minn diżastru, inkluż kif ir-riżultati tal-ittestjar ser jiġu rreġistrati;
- e) deskrizzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni li għandhom jiġu adottati mill-applikant, f'każijiet tat-terminazzjoni tas-servizzi ta' pagament tiegħu, bl-iżgurar tal-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament pendenti u t-terminazzjoni ta' kuntratti eżistenti.

Linja Gwida 12: Il-prinċipji u d-definizzjonijiet applikabbli għall-ġbir ta' data statistika dwar il-prestazzjoni, it-tranżazzjonijiet u l-frodi

12.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-prinċipji u d-definizzjonijiet applikabbli għall-ġbir tad-data statistika dwar il-prestazzjoni, it-tranżazzjonijiet u l-frodi li tikkonsisti mill-informazzjoni li ġejja:

- a) it-tip ta' data li tinġabar, fir-rigward tal-klijenti, it-tip ta' servizzi ta' pagament, il-kanal, l-istrument, il-ġurisdizzjonijiet u l-munita;
- b) il-kamp ta' applikazzjoni tal-ġbir, f'termini tal-attivitajiet u l-entitajiet ikkonċernati, inkluż fergħat u aġenti;
- c) il-mezzi tal-ġbir;
- d) l-iskop tal-ġbir;
- e) il-frekwenza tal-ġbir;
- f) dokumenti ta' sostenn, bħal manwal, li jiddeskrivu kif taħdem is-sistema.

Linja Gwida 13: Dokument dwar il-politika tas-sigurtà

13.1. L-applikant għandu jipprovdi dokument dwar il-politika tas-sigurtà li jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

- a) valutazzjoni dettaljata tar-riskju tas-servizz(i) ta' pagament li l-applikant beħsiebu jipprovdi, li għandha tinkludi riskji ta' frodi u l-miżuri ta' kontroll tas-sigurtà u tal-mitigazzjoni meħuda sabiex l-utenti ta' servizzi ta' pagament jiġu protetti b'mod adegwat kontra r-riskji identifikati;
- b) deskrizzjoni tas-sistemi tal-IT, li għandha tinkludi:
 - i. l-arkitettura tas-sistemi u l-elementi tan-netwerk tagħhom;
 - ii. is-sistemi kummerċjali tal-IT li jappoġġjaw l-attivitajiet tan-negozju pprovduti, bħas-sit web tal-applikant, il-kartieri, il-magna ta' pagament, il-magna ta' ġestjoni tar-riskju u l-frodi, u l-kontabilità tal-klijent;
 - iii. is-sistemi ta' appoġġ tal-IT użati għall-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-applikant, bħall-kontabilità, sistemi ta' rappurtar legali, ġestjoni tal-persunal, ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijenti, servers tal-posta elettronika u servers tal-fajls interni;
 - iv. informazzjoni dwar jekk dawk is-sistemi humiex diġà użati mill-applikant jew mill-grupp tiegħu, u d-data ta' implimentazzjoni stmata, jekk applikabbli;
- c) it-tip ta' konnessjonijiet awtorizzati minn barra, bħal dawk ma' sħab, fornituri tas-servizzi, entitajiet tal-grupp u impjegati li jaħdmu mill-bogħod, inkluż ir-raġunament għal dawn il-konnessjonijiet;
- d) għal kull waħda mill-konnessjonijiet elenkati taħt punt c), il-miżuri u l-mekkaniżmi ta' sigurtà loġika fis-seħħ, filwaqt li jiġi speċifikat il-kontroll li ser ikollu l-applikant fuq tali aċċess kif ukoll in-natura u l-frekwenza ta' kull kontroll, bħal dak tekniku kontra dak organizzattiv, dak preventiv kontra dak identifikattiv; u monitoraġġ f'linja reali kontra reviżjonijiet regolari, bħall-użu ta' direttorju attiv separat mill-grupp, il-ftuħ/l-għeluq tal-linji ta' komunikazzjoni, il-konfigurazzjoni tat-tagħmir ta' sigurtà, il-ġenerazzjoni ta' ċertifikati ta' awtentikazzjoni ewlenin jew tal-klijent, il-monitoraġġ tas-sistema, l-awtentikazzjoni, il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni, l-identifikazzjoni ta' intrużjoni, is-sistemi kontra l-virus u l-ġurnali;
- e) il-miżuri u l-mekkaniżmi ta' sigurtà loġika li jirregolaw l-aċċess intern għas-sistemi tal-IT, li għandhom jinkludu:

- i. in-natura teknika u organizzattiva u l-frekwenza ta' kull miżura, b'hal jekk hijiex preventiva jew identifikattiva u jekk issirx f'ħin reali;
 - ii. kif il-kwistjoni ta' segregazzjoni tal-klijenti relatata mal-ambjent hija indirizzata f'każijiet fejn ir-riżorsi tal-IT tal-applikant huma kondiviżi;
- f) il-miżuri u l-mekkaniżmi ta' sigurtà fiżika tal-bini u ċ-ċentru tad-data tal-applikant, b'hal kontrolli ta' aċċess u sigurtà ambjentali;
- g) is-sigurtà tal-proċessi ta' pagament, li għandha tinkludi:
 - i. il-proċedura ta' awtentikazzjoni tal-klijent użata kemm għal aċċess konsultattiv kif ukoll dak tranżazzjonali, u għall-istrumenti kollha ta' pagament sottostanti;
 - ii. spjegazzjoni dwar kif it-tweqqif sikur għall-utent ta' servizzi ta' pagament leġittimu u l-integrità ta' fatturi ta' awtentikazzjoni, b'hat-tokens ta' ħardwer u applikazzjonijiet mobbli, huma żgurati, fiż-żmien tar-reġistrazzjoni inizjali kif ukoll tat-tiġdid;
 - iii. deskrizzjoni tas-sistemi u l-proċeduri li l-applikant għandu fis-seħħ għal analiżi ta' tranżazzjoni u l-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi jew mhux tas-soltu;
- h) valutazzjoni dettaljata tar-riskju fir-rigward tas-servizzi ta' pagament tagħha, inkluż il-frodi, b'rabta mal-miżuri ta' kontroll u ta' mitigazzjoni spjegati fil-fajl ta' applikazzjoni, li juru li r-riskji huma indirizzati;
- i) lista tal-proċeduri ewlenin bil-miktub fir-rigward tas-sistemi tal-IT tal-applikant jew, għal proċeduri li għadhom ma għewx formalizzati, data stmata għall-finalizzazzjoni tagħhom.

Linja Gwida 14: Mekkaniżmi ta' kontroll intern għall-konformità mal-obbligi fir-rigward tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (obbligi AML/CFT)

- 14.1. Id-deskrizzjoni tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern li l-applikant stabbilixxa sabiex, fejn applikabbli, jikkonforma ma' dawn l-obbligi, għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:
- a) il-valutazzjoni tal-applikant tar-riskji ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu assoċjati man-negożju tiegħu, inklużi r-riskji assoċjati mal-klijentela tal-applikant, il-prodotti u s-servizzi pprovduti, il-kanali ta' distribuzzjoni użati u ż-żoni ġeografiċi ta' operazzjoni;
 - b) il-miżuri li l-applikant għandu jew ser jimplimenta sabiex itaffi r-riskji u jikkonforma ma' obbligi applikabbli għal ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż il-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju tal-applikant, il-politiki u l-proċeduri sabiex jikkonforma ma' rekwiżiti relatati mad-diliġenza dovuta tal-klijent, u l-

- politiki u l-proċeduri sabiex jidentifika u jirrapporta tranżazzjonijiet jew attivitajiet suspettużi;
- c) is-sistemi u l-kontrolli li l-applikant għandu jew ser jimplimenta sabiex jiżgura li l-fergħat u l-aġenti tiegħu jikkonformaw ma' rekwiżiti applikabbli relatati mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż f'każijiet fejn l-aġent jew il-fergħa jinsabu fi Stat Membru ieħor;
 - d) arranġamenti li l-applikant għandu jew ser jimplimenta sabiex jiżgura li l-persunal u l-aġenti huma mħarrġa kif xieraq fi kwistjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu;
 - e) l-identità tal-persuna inkarigata sabiex tiżgura l-konformità tal-applikant mal-obbligi ta' ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, u evidenza li l-għarfien espert tagħhom relatat mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra t-terroriżmu huwa biżżejjed sabiex huma jkunu jistgħu jissodisdaw dan ir-rwol b'mod effettiv;
 - f) is-sistemi u l-kontrolli li l-applikant għandu jew ser jimplimenta sabiex jiżgura li l-politiki u l-proċeduri tiegħu relatati mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu jibqgħu aġġornati, effettivi u rilevanti;
 - g) is-sistemi u l-kontrolli li l-applikant għandu jew ser jimplimenta sabiex jiżgura li l-aġenti ma jesponux l-applikant għal riskju miżjud tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu;
 - h) il-manwal relatat mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra t-terroriżmu għall-persunal tal-applikant.

Linja Gwida 15: Valutazzjoni tal-identità u l-idoneità tal-persuni b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti fl-applikant

15.1 Għall-iskopijiet tal-identità u l-evidenza tal-idoneità ta' persuni b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti fl-istituzzjoni ta' pagament tal-applikant, mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni skont il-kriterji, kif rilevanti, introdotti bid-Direttiva 2007/44/KE u speċifikati fil-linji gwida konġunti għall-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti (JC/GL/2016/01), l-applikant għandu jippreżenta l-informazzjoni li ġejja:

- a) deskrizzjoni tal-grupp li għalih jappartjeni l-applikant u indikazzjoni tal-impriża omm, fejn applikabbli;
- b) ċart li tistabbilixxi l-istruttura tal-azzjonist tal-applikant, inkluż:
 - i) l-isem u l-perċentwal tal-parteċipazzjoni (kapital/dritt tal-vot) ta' kull persuna li għandha jew ser ikollha parteċipazzjoni diretta fil-kapital azzjonarju tal-

- applikant, filwaqt li ssir identifikazzjoni ta' dawk li huma meqjusa bħala parteċipanti kwalifikanti u r-raġuni għal dawn il-kwalifiki;
- ii) l-isem u l-perċentwal tal-parteeċipazzjoni (kapital/drittijiet tal-vot) ta' kull persuna li għandha jew ser ikollha parteċipazzjoni indiretta fil-kapital azzjonarju tal-applikant, filwaqt li ssir identifikazzjoni ta' dawk li huma meqjusa bħala parteċipanti kwalifikanti indiretti u r-raġuni għal din il-kwalifika;
- c) lista tal-ismijiet tal-persuni kollha u entitajiet oħra li għandhom jew, fil-każ ta' awtorizzazzjoni, ser ikollhom parteċipazzjonijiet kwalifikanti fil-kapital tal-applikant, li għal kull persuna jew entità tindika:
- i. in-numru u t-tip ta' ishma jew parteċipazzjonijiet oħra sottoskritti jew li għandhom jiġu sottoskritti;
 - ii. il-valur nominali ta' dawn l-ishma jew parteċipazzjonijiet oħra.

15.2 Fejn persuna li għandha jew, fil-każ ta' awtorizzazzjoni, ser ikollha parteċipazzjoni kwalifikanti fil-kapital tal-applikant, hija persuna fiżika, l-applikazzjoni għandha tistabbilixxi l-informazzjoni kollha li ġejja relatata mal-identità u l-idoneità ta' dik il-persuna:

- a) l-isem tal-persuna u l-isem tal-persuna fit-twelid, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza (attwali u preċedenti), in-numru ta' identifikazzjoni (fejn disponibbli) jew in-numru tal-passaport, l-indirizz u kopja ta' dokument uffiċjali tal-identità;
- b) curriculum vitae dettaljat li jindika l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-esperjenza professjonali preċedenti u kwalunkwe attività professjonali jew funzjonijiet oħra li qed jitwettqu attwalment;
- c) dikjarazzjoni, akkumpanjata minn dokumenti ta' sostenn, li jkun fiha l-informazzjoni li ġejja dwar il-persuna;
 - i. soġġetta għal rekwiżiti leġiżlattivi nazzjonali li jikkonċernaw l-iżvelar ta' kundanni esegwiti, kwalunkwe kundanna jew proċediment kriminali fejn il-persuna nstabt ħatja tagħhom u li ma twarrbux;
 - ii. kwalunkwe deċiżjoni ċivili jew amministrattiva fi kwistjonijiet ta' rilevanza għall-valutazzjoni jew proċess ta' awtorizzazzjoni fejn il-persuna nstabt ħatja tagħhom u kwalunkwe sanzjoni amministrattiva jew miżura imposta bħala konsegwenza ta' ksur tal-liġijiet jew tar-regolamenti (inkluża skwalifika bħala direttur ta' kumpanija), f'kull każ li ma twarrbux u li ma hemm l-ebda appell pendenti jew li jista' jiġi ppreżentat kontribom;

- iii. kwalunkwe falliment, insolvenza jew proċeduri simili;
 - iv. kwalunkwe investigazzjoni kriminali pendenti;
 - v. kwalunkwe investigazzjoni ċivili jew amministrattiva, proċedimenti ta' infurzar, sanzjonijiet jew deċiżjonijiet oħra ta' infurzar kontra l-persuna li jikkonċernaw kwistjonijiet li jistgħu jitqiesu rilevanti għall-awtorizzazzjoni sabiex tibda l-attività ta' istituzzjoni ta' pagament jew għall-ġestjoni soda u prudenti ta' istituzzjoni ta' pagament;
 - vi. fejn tali dokumenti jistgħu jinkisbu, ċertifikat uffiċjali jew kwalunkwe dokument ieħor ekwivalenti li jixhed jekk xi wieħed mill-avvenimenti stabbiliti fis-subparagrafi (i)-(v) seħħ fir-rigward tal-persuna rilevanti;
 - vii. kwalunkwe każ ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex jitwettaq kummerċ, negozju jew professjoni;
 - viii. kwalunkwe rtirar, revoka jew terminazzjoni ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex twettaq kummerċ, negozju jew professjoni;
 - ix. kwalunkwe tkeċċija minn awtorità jew entità tas-settur pubbliku fis-settur tas-servizzi finanzjarji jew minn korp professjonali jew assoċjazzjoni;
 - x. kwalunkwe pożizzjoni ta' responsabbiltà b'entità soġġetta għal kwalunkwe kundanna jew proċediment kriminali, investigazzjonijiet amministrattivi, sanzjonijiet jew deċiżjonijiet oħra ta' infurzar dwar nuqqasijiet relatati mal-imġiba, inkluż fir-rigward ta' frodi, nuqqas ta' onestà, korruzzjoni, ħasil tal-flus, finanzjament tat-terroriżmu jew reat finanzjarju ieħor, jew ta' falliment sabiex jiġu implimentati politiki u proċeduri adegwati sabiex jiġu evitati tali avvenimenti, li saru fiż-żmien meta seħħet l-allegata mġiba, flimkien ma' dettalji ta' dawn l-okkorrenzi u, jekk hemm, tal-involviment tal-persuna fihom;
 - xi. kwalunkwe sensja minn impjeg jew pożizzjoni ta' fiduċja, kwalunkwe tneħħija minn relazzjoni fiduċjarja (minbarra bħala riżultat tar-relazzjoni rilevanti li maż-żmien ser tiġi fi tmiemha) u kwalunkwe sitwazzjoni simili;
- d) lista ta' impriżi li l-persuna tmexxi jew tikkontrolla u li l-applikant huwa konxju tagħhom wara inkjesta dovuta u bir-reqqa; il-perċentwal ta' kontroll jew dirett jew indirett f'dawn il-kumpaniji; l-istatus tagħhom (jekk humiex attivi, xolti, eċċ.); u deskrizzjoni ta' insolvenza jew proċeduri simili;
- e) fejn awtorità kompetenti diġà wettqet valutazzjoni ta' reputazzjoni tal-persuna fis-settur tas-servizzi finanzjarji, l-identità ta' dik l-awtorità u l-eżitu tal-valutazzjoni;

- f) il-pożizzjoni finanzjarja attwali tal-persuna, inkluż dettalji dwar is-sorsi ta' dħul, l-assi u l-obbligazzjonijiet, l-interessi fuq it-titoli u l-garanziji, mogħtija jew riċevuti;
- g) deskrizzjoni ta' kwalunkwe rabta ma'persuni li huma politikament esposti, kif definit fl-Artikolu 3(9) tad-Direttiva (UE) 2015/849².

15.3 Fejn persuna jew entità li għandha jew, fil-każ ta' awtorizzazzjoni, ser ikollha parteċipazzjoni kwalifikanti fil-kapital tal-applikant (inkluż entitajiet li mhumiex persuna ġuridika u li jżommu jew għandhom iżommu l-parteċipazzjoni fl-isem proprju tagħhom), l-applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja li tirrelata mal-identità u l-idoneità ta' dik il-persuna ġuridika jew entità:

- a) isem;
- b) fejn il-persuna ġuridika jew entità hija rreġistrata f'reġistru ċentrali, reġistru kummerċjali, reġistru tal-kumpaniji jew reġistru simili li għandu l-istess skopijiet ta' dawk imsemmijin hawn fuq, kopja tar-reputazzjoni tajba, jekk possibbli, jew inkella ċertifikat ta' regjistrazzjoni;
- c) l-indirizzi tal-uffiċċju rreġistrat tagħha u, fejn differenti, tal-uffiċċju prinċipali tagħha, u l-post prinċipali tan-negozju;
- d) dettalji ta' kuntatt;
- e) dokumenti korporattivi jew, fejn il-persuna jew l-entità hija rreġistrata fi Stat Membru ieħor, sommarju li jispjega l-karattersitiċi legali ewlenin tal-forma ġuridika jew l-entità;
- f) jekk il-persuna ġuridika jew l-entità qatt kienet irregolata jew hija rregolata minn awtorità kompetenti fis-settur tas-servizzi finanzjarji jew korp governattiv ieħor;
- g) fejn dawn id-dokumenti jistgħu jinkisbu, ċertifikat uffiċjali jew kwalunkwe dokument ekwivalenti ieħor li jixhed l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafi (a) sa (e) maħruġa mill-awtorità kompetenti rilevanti;
- h) l-informazzjoni msemmija fil-Linja gwida 15(2)(c), 15(2)(d) 15(2)(e), 15(2)(f), u 15(2)(g) fir-rigward tal-persuna ġuridika jew entità;
- i) lista li fiha d-dettalji ta' kull persuna li effettivament tmexxi n-negozju tal-persuna ġuridika jew entità, inkluż isimhom, id-data u l-post ta' twelid, l-indirizz, in-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali tagħhom, fejn disponibbli, u curriculum vitae dettaljat (li fih jingħad l-edukazzjoni u t-taħriġ rilevanti, esperjenza professjonali preċedenti, kwalunkwe

² Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

attività professionali jew funzjonijiet rilevanti oħra li qed jitwettqu attwalment), flimkien mal-informazzjoni msemmija fil-Linja gwida 15(2)(c) u 15(2)(d) fir-rigward ta' kull persuna tali;

- j) l-istruttura tal-parteċipazzjoni azzjonarja tal-persuna ġuridika, inkluż mill-inqas isimhom, data u post ta' twelid, indirizz u, fejn disponibbli, numru ta' identifikazzjoni personali jew numru ta' reġistrazzjoni, u s-sehem ta' kapital rispettiv u d-drittijiet tal-vot ta' azzjonisti jew membri diretti jew indiretti u sidien benefiċjarji, kif definit fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva (UE) 2015/849;
- k) deskrizzjoni tal-grupp finanzjarju regolat li l-applikant huwa parti minnu, jew jista' jsir parti minnu, u li fiha tiġi indikata l-impriża omm u l-entitajiet ta' kreditu, assigurazzjoni u titoli fi ħdan il-grupp, l-isem tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom (fuq bażi individwali jew konsolidata); u
- l) rapporti finanzjarji annwali, fil-livelli ta' grupp individwali u, fejn applikabbli, dawk konsolidati u subkonsolidati, għall-aħħar tliet snin finanzjarji, fejn il-persuna ġuridika jew l-entità kienet qed taħdem għal dak il-perjodu (jew, jekk anqas minn tliet snin, il-perjodu li għalih il-persuna ġuridika jew l-entità ilha taħdem u li għalih ġew ippreparati rapporti finanzjarji), approvati mill-awditur statutorju jew ditta tal-awditjar fi ħdan is-sens tad-Direttiva 2006/43/KE³, fejn applikabbli, inkluż kull wieħed mill-punti li ġejjin:
 - i. il-karta tal-bilanċ;
 - ii. ir-rapporti tad-dħul jew ir-rapport tal-introjt;
 - iii. ir-rapporti annwali u l-annessi finanzjarji u kwalunkwe dokument ieħor irreġistrat mar-reġistru jew l-awtorità kompetenti rilevanti tal-persuna ġuridika;
- m) fejn il-persuna ġuridika m'ilha taħdem għal perjodu suffiċjenti biex tkun meħtieġa tipprepara rapporti finanzjarji għat-tliet snin finanzjarji immedjatament qabel id-data tal-applikazzjoni, l-applikazzjoni għandha tistabbilixxi r-rapporti finanzjarji eżistenti (jekk ikun hemm);
- n) fejn il-persuna ġuridika jew l-entità għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz, informazzjoni ġenerali dwar ir-reġim regolatorju ta' dak il-pajjiż terz kif applikabbli għall-persuna ġuridika jew l-entità, inkluża informazzjoni sa fejn ir-reġim ta' ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u dak finanzjarju kontra t-terroriżmu ta' pajjiż terz huwa konsistenti mar-Rakkomandazzjonijiet ta' Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja;

³ Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifika statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87-107).

- o) għall-entitajiet li ma għandhomx personalità ġuridika bħal impriża ta' investiment kollettiv, fond ta' investimenti sovrani jew fond fiduċjarju, l-applikazzjoni għandha tistabbilixxi l-informazzjoni li ġejja:
 - i. l-identità tal-persuni li jimmaniġġjaw l-assi u tal-persuni li huma benefiċjarji jew abbonati;
 - ii. kopja tad-dokument li jistabbilixxi u li jirregola l-entità inkluża l-politika ta' investiment u kwalunkwe restrizzjoni fuq l-investiment applikabbli għall-entità.

15.4. L-applikazzjoni għandha tistabbilixxi l-informazzjoni kollha li ġejja għal kull persuna fiżika jew ġuridika jew entità li għandha jew, fil-każ ta' awtorizzazzjoni, ser ikollha parteċipazzjoni kwalifikanti fil-kapital tal-applikant:

- a) dettalji tar-raġunijiet finanzjarji jew kummerċjali ta' dik il-persuna jew tal-entità għas-sjeda ta' dik il-parteeċipazzjoni jew l-istrateġija tal-persuna jew tal-entità dwar il-parteeċipazzjoni, inkluż il-perjodu li għalih il-persuna jew l-entità beħsiebha iżomm il-parteeċipazzjoni u kwalunkwe ħsieb li żżid, tnaqqas jew iżomm il-livell tal-parteeċipazzjoni fil-futur prevedibbli;
- b) dettalji tal-intenzjonijiet tal-persuna jew tal-entità fir-rigward tal-applikant u tal-influenza tal-persuna jew l-entità li beħsiebha teżerċita fuq l-applikant, inkluż fir-rigward tal-politika tad-dividendi, l-iżvilupp strateġiku u l-allokazzjoni ta' riżorsi tal-applikant, jekk huwiex beħsiebu jaġixxi bħala azzjonist ta' minoranza attiva, u r-raġunament għal tali intenzjoni;
- c) informazzjoni dwar ir-rieda tal-persuna jew tal-entità li tappoġġja l-applikant b'fondi proprji addizzjonali jekk meħtieġ għall-iżvilupp tal-attivitajiet tiegħu jew f'każ ta' diffikultajiet finanzjarji;
- d) il-kontenut ta' kwalunkwe ftehim maħsub ta' azzjonist jew membru ma' azzjonisti jew membri oħrajn fir-rigward tal-applikant;
- e) analiżi dwar jekk b'xi mod il-parteeċipazzjoni kwalifikanti hijiex ser tħalli impatt, inkluż bħala riżultat tar-rabtiet mill-qrib tal-persuna mal-applikant, fuq il-kapaċità tal-applikant sabiex jipprovdi informazzjoni fil-ħin u preċiża lill-awtoritajiet kompetenti;
- f) l-identità ta' kull membru tal-korp maniġerjali jew ta' maniment superjuri li ser imexxi n-negozju tal-applikant u ser ikun inħatar minn tali azzjonisti jew membri, jew wara nomina minnhom, flimkien ma', sal-punt li s'issa għadu ma ngħatax, l-informazzjoni stabbilita fil-Linja gwida 16.

15.5. L-applikazzjoni għandha tistabbilixxi spjegazzjoni dettaljata tas-sorsi speċifiċi ta' finanzjament għall-parteċipazzjoni ta' kull persuna jew entità li jkollha parteċipazzjoni kwalifikanti fil-kapital tal-applikant, li għandha tinkludi:

- a) dettalji dwar l-użu ta' riżorsi finanzjarji privati, inkluża d-disponibbiltà u (sabiex jiġi żgurat li l-awtorità kompetenti hija sodisfatta li l-attività li ġġenerat il-fondi hija leġittima) s-sors tagħhom;
- b) dettalji dwar l-aċċess għal swieq finanzjarji, inkluż dettalji dwar strumenti finanzjarji li għandhom jinħarġu;
- c) informazzjoni dwar l-użu ta' fondi mislufa, inkluż l-isem tal-mutwanti u d-dettalji tal-faċilitajiet mogħtija, bħal maturitajiet, termini, interessi fuq it-titoli u garanziji, kif ukoll informazzjoni dwar is-sors ta' dħul li għandu jintuża sabiex dan is-self jitħallas lura; fejn il-mutwant mhuwiex istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja awtorizzata sabiex tagħti kreditu, l-applikant għandu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni dwar l-oriġini tal-fondi mislufa;
- d) informazzjoni dwar kwalunkwe arranġament finanzjarju ma' persuni oħra li huma azzjonisti jew membri tal-applikant.

Linja Gwida 16: Valutazzjoni tal-identità u tal-idoneità tad-diretturi u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-istituzzjoni ta' pagament

16.1. Għall-iskopijiet tal-valutazzjoni tal-identità u tal-idoneità tad-diretturi u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-istituzzjoni ta' pagament, l-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

- a) dettalji personali, inkluż:
 - i. ismu sħiħ, is-sess, il-post u d-data tat-twelid, l-indirizz u n-nazzjonalità, u n-numru tal-identifikazzjoni personali jew kopja tal-karta tal-identità jew ekwivalenti;
 - ii. dettalji tal-pożizzjoni li għaliha qed tintalab il-valutazzjoni, jekk il-pożizzjoni tal-korp manġerjali hijiex eżekuttiva jew mhux eżekuttiva. Dan għandu jinkludi wkoll id-dettalji li ġejjin:
 - l-ittra tal-ħatra, il-kuntratt, l-offerta ta' impjieg jew abbozzi rilevanti, kif applikabbli;
 - id-data inizjali ppjanata u d-durata tal-mandat;
 - deskrizzjoni tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-individwu;

- b) fejn applikabbli, informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-idoneità mwettqa mill-applikant, li għandha tinkludi d-dettalji tar-risultat ta' kwalunkwe valutazzjoni tal-idoneità tal-individwu mwettqa mill-istituzzjoni, bħal minuti tal-bord rilevanti jew rapporti dwar il-valutazzjoni tal-idoneità jew dokumenti oħra;
- c) evidenza tal-għarfien, ħiliet u esperjenza, li għandha tinkludi curriculum vitae li jkun fih dettalji tal-edukazzjoni u l-esperjenza professjonali, inklużi kwalifiki akkademiċi, taħriġ rilevanti ieħor, l-isem u n-natura tal-organizzazzjonijiet kollha li għalihom l-individwu jaħdem jew ħadem, u n-natura u d-durata tal-funzjonijiet imwettqa, b'mod partikolari bl-enfasi tkun fuq l-attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-pożizzjoni mfittxija;
- d) evidenza tar-reputazzjoni, onestà u integrità, li għandha tinkludi:
- i. rekords kriminali u informazzjoni rilevanti dwar investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali, każijiet ċivili u amministrattivi rilevanti, u azzjonijiet dixxiplinari, inklużi kwalifika bħala direttur ta' kumpanija, falliment, insolvenza u proċeduri simili, b'mod partikolari permezz ta' ċertifikat uffiċjali jew kwalunkwe sors ta' informazzjoni li huwa oġġettivament affidabbli dwar in-nuqqas ta' kundanna, investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali, bħal investigazzjonijiet ta' parti terza u xhieda li saret minn avukat jew nutar stabbilit fl-Unjoni Ewropea;
 - ii. dikjarazzjoni dwar jekk hemmx proċedimenti kriminali pendenti jew jekk il-persuna jew kwalunkwe organizzazzjoni mmexxija minnu jew minnha kinux involuti bħala debitur fi proċedimenti ta' insolvenza jew proċedimenti paragonabbli;
 - iii. informazzjoni dwar dan li ġej:
 - investigazzjonijiet, proċedimenti ta' infurzar jew sanzjonijiet minn awtorità superviżorja li l-individwu kien direttament jew indirettament involut fiha;
 - rifjut ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex jitwettaq kummerċ, negozju jew professjoni; l-irtirar, ir-revoka jew it-terminazzjoni ta' reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni, is-sħubija jew il-liċenzja; jew tkeċċija minn korp regolatorju jew governattiv jew minn korp professjonali jew assoċjazzjoni;
 - tkeċċija minn impjeg jew pożizzjoni ta' fiduċja, relazzjoni fiduċjarja jew sitwazzjoni simili, jew jekk il-persuna ntalbet tirriżenja minn impjeg f'pożizzjoni bħal din, bl-esklużjoni ta' sensji;
 - jekk twettqitx diġà valutazzjoni tar-reputazzjoni tal-individwu bħala akkwirent jew persuna li tmexxi n-negozju ta' istituzzjoni minn awtorità

kompetenti oħra, inkluża l-identità ta' dik l-awtorità, id-data tal-valutazzjoni u l-evidenza tal-eżitu ta' din il-valutazzjoni, u l-kunsens tal-individwu, fejn meħtieġ, sabiex tali informazzjoni titfittex u tiġi pproċessata u l-informazzjoni pprovduta tintuża għall-valutazzjoni tal-idoneità;

- jekk twettqitx diġà xi valutazzjoni oħra qabel tal-individwu, bl-awtorità minn settur ieħor mhux finanzjarju, inklużi l-identità ta' dik l-awtorità u l-evidenza tal-eżitu ta' din il-valutazzjoni.

Linja Gwida 17: Identità ta' awdituri statutorji u ditti tal-awditjar

L-identità ta' awdituri statutorji u ditti tal-awditjar kif definit fid-Direttiva 2006/43/KE li għandha tiġi pprovduta mill-applikant, fejn rilevanti, għandu jkun fiha l-ismijiet, l-indirizzi u d-dettalji ta' kuntatt tal-awdituri.

Linja Gwida 18: L-Assigurazzjoni ta' Indennizz Professjonali jew garanzija komparabbli għas-servizzi ta' bidu ta' pagament u servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet

Bħala evidenza ta' Assigurazzjoni ta' Indennizz Professjonali jew garanzija komparabbli li hija konformi mal-Linji gwida tal-EBA dwar il-kriterji dwar kif wieħed għandu jistipula l-ammont monetarju minimu tal-assigurazzjoni professjonali jew garanzija komparabbli oħra (EBA/GL/2017/08) u l-Artikolu 5(2) u 5(3) tal-PSD2, għall-provvista ta' PIS jew AIS l-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

- a) kuntratt tal-assigurazzjoni jew dokument ekwivalenti ieħor li jikkonferma l-eżistenza tal-Assigurazzjoni ta' Indennizz Professjonali jew garanzija komparabbli, b'ammont ta' kopertura li jkun konformi mal-Linji gwida tal-EBA msemmija, li juri l-kopertura tal-obbligazzjonijiet rilevanti;
- b) dokumentazzjoni ta' kif l-applikant ikkalkula l-ammont minimu b'mod li jkun konformi mal-Linji gwida tal-EBA msemmija, inklużi l-komponenti kollha applikabbli tal-formula speċifikata fiha.

4.2 Linji gwida dwar l-informazzjoni meħtieġa mill-applikanti għar-reġistrazzjoni għall-provvista tas-servizz 8 biss tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet)

Linja Gwida 1: Prinċipji ġenerali

- 1.1 Dan is-sett ta' linji gwida japplika għall-applikanti għar-reġistrazzjoni bħala fornituri ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (AISPs). Dan jirreferi għall-applikanti li beħsiebhom jipprovdu biss servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (AIS). Jekk l-applikanti jkun beħsiebhom jipprovdu servizzi addizzjonali ma' dawk tal-AIS, huma għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni u jirreferu għal-linji gwida stabbiliti fit-taqsim 4.1 għall-istituzzjonijiet ta' pagament (PIs).
- 1.2 L-informazzjoni pprovduta mill-applikanti għandha tkun vera, kompluta, preċiża u aġġornata. L-applikanti kollha għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet kollha fis-sett ta' linji gwida li japplika għalihom. Il-livell ta' dettall meħtieġ għall-konformità għandu jkun proporzjonat għad-daqs tal-applikant u l-organizzazzjoni interna, u għan-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kumplessità u r-riskju tas-servizz(i) partikolari li l-applikant beħsiebu jipprovdi. Fi kwalunkwe każ, skont id-Direttiva tal-UE 2015/2366, id-diretturi u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-istituzzjoni ta' pagament huma ta' reputazzjoni tajba u għandhom għarfien u esperjenza xierqa sabiex iwettqu servizzi ta' pagament, irrispettivament mid-daqs tal-istituzzjoni, l-organizzazzjoni interna u n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha u d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-pożizzjoni speċifika.
- 1.3 Meta jippreżenta l-informazzjoni meħtieġa, l-applikant għandu jevita li jagħmel referenzi għal taqsimiet speċifiċi tal-proċeduri/dokumenti interni. Minflok, l-applikant għandu jagħżel it-taqsimiet rilevanti u jipprovdihom lill-awtorità kompetenti (AK).
- 1.4 Jekk l-AK ikunu jeħtieġu kjarifiki dwar l-informazzjoni li tkun ġiet ippreżentata, l-applikant għandu jipprovdi din il-kjarifika mingħajr dewmien.
- 1.5 Id-data kollha mitluba taħt dawn il-linji gwida għar-reġistrazzjoni bħala fornituri ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (AISPs) hija meħtieġa għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni u ser

tiġi ttrattata mill-awtorità kompetenti skont l-obbligi ta' segretezza professjonali stabbiliti f'PSD2, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni applikabbli u r-rekwiżiti u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess, rettifika, kanċellazzjoni jew oppożizzjoni.

Linja Gwida 2: Dettalji ta' Identifikazzjoni

2.1 Jekk l-applikant huwa persuna fiżika, id-dettalji ta' identifikazzjoni li l-applikant għandu jipprovdi, għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

- a) isem, indirizz, nazzjonalità u data u post tat-twelid;
- b) kopja tal-karta ta' identità jew dokument tal-identità ekwivalenti;
- c) curriculum vitae aġġornat;
- d) kontroll ta' rekord kriminali li ma għandux aktar minn 3 xhur;
- e) l-isem(ismijiet) tal-persuna(i) inkarigati li jindirizzaw il-fajl ta' applikazzjoni u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni, u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom.

2.2 Jekk l-applikant huwa persuna ġuridika, id-dettalji ta' identifikazzjoni li l-applikant għandu jipprovdi, għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

- a) l-isem korporattiv tal-applikant u, jekk differenti, l-isem kummerċjali;
- b) indikazzjoni ta' jekk l-applikant huwiex diġà inkorporat jew fil-proċess li jiġi inkorporat;
- c) in-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-applikant, jekk applikabbli;
- d) l-istatus legali tal-applikant u (abbozz ta') statut ta' assoċjazzjoni u/jew dokumenti kostituzzjonali li jixhdu l-istatus legali tal-applikant;
- e) l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali u l-uffiċċju rreġistrat tal-applikant;
- f) l-indirizz elettroniku u s-sit web tal-applikant, jekk disponibbli;
- g) l-isem tal-persuna(i) inkarigati li jindirizzaw il-fajl ta' applikazzjoni u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni, u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom;
- h) indikazzjoni ta' jekk l-applikant qatt kien, jew huwa attwalment irregolat minn awtorità kompetenti fis-settur tas-servizzi finanzjarji;
- i) iċ-ċertifikat ta' reġistru tal-inkorporazzjoni jew, jekk applikabbli, ċertifikat negattiv ta' reġistru merkantili li jiċċertifika li l-isem applikat mill-kumpanija huwa disponibbli;

- j) evidenza tal-pagament ta' kwalunkwe miżata jew tad-depożitu ta' fondi sabiex tiġi ppreżentata applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala fornitur ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet, fejn applikabbli skont il-liġi nazzjonali.

Linja Gwida 3: Programm ta' operazzjonijiet

3.1. Il-programm ta' operazzjonijiet li l-applikant għandu jipprovdi, għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- a) deskrizzjoni tas-servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet li huwa maħsub li jiġi pprovdut, inkluża spjegazzjoni ta' kif l-applikant iddetermina li l-attività hija konformi mad-definizzjoni tas-servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet kif definit fl-Artikolu 4(16) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (PSD2);
- b) dikjarazzjoni tal-applikant li huma f'ebda ħin mhu se jidħlu f'pussess ta' fondi;
- c) deskrizzjoni tal-provvista tas-servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet inkluż:
 - i. abbozz ta' kuntratti bejn il-partijiet kollha involuti, jekk applikabbli;
 - ii. termini u kondizzjonijiet tal-provvista tas-servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet;
 - iii. ħinijiet ta' pproċessar;
- d) in-numru stmat ta' bini differenti li minnu l-applikant beħsiebu jipprovdi s-servizzi, jekk applikabbli;
- e) deskrizzjoni ta' kwalunkwe servizz anċillari għas-servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet, jekk applikabbli;
- f) dikjarazzjoni ta' jekk l-applikant huwiex beħsiebu jipprovdi servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet fi Stat Membru ieħor tal-UE jew f'pajjiż ieħor ladarba jiġu rreġistrati;
- g) indikazzjoni ta' jekk l-applikant huwiex beħsiebu, għat-tliet snin li ġejjin, jipprovdi, jew diġà jipprovdi, attivitajiet tan-negozju minbarra servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet kif imsemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2015/2366, inkluża deskrizzjoni tat-tip u l-volum mistenni tal-attivitajiet;
- h) l-informazzjoni speċifikata fil-Linji gwida tal-EBA dwar il-kriterji dwar kif wieħed għandu jistipula l-ammont monetarju minimu tal-Assigurazzjoni ta' Indennizz Professionali jew garanzija komparabbli oħra skont l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (EBA/GL/2017/08) fejn l-applikant beħsiebu jipprovdi biss is-servizz 8 (AIS).

Linja Gwida 4: Pjan tan-negozju

4.1. Il-pjan tan-negozju li għandu jiġi pprovdut mill-applikant għandu jinkludi:

- a) pjan ta' kummerċjalizzazzjoni li jikkonsisti minn:
 - i. analiżi tal-pożizzjoni kompetittiva tal-kumpanija;
 - ii. deskrizzjoni tal-utenti ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet fis-segment ikkonċernat tas-suq ta' informazzjoni dwar il-kontijiet, il-materjali ta' kummerċjalizzazzjoni u l-kanali ta' distribuzzjoni;
- b) kontijiet annwali ċertifikati għat-tliet snin preċedenti, jekk disponibbli, jew sommarju tas-sitwazzjoni finanzjarja għal dawk l-applikanti li għadhom ma pproduċewx kontijiet annwali;
- c) kalkolu ta' previżjoni tal-baġit għall-ewwel tliet snin finanzjarji li juri li l-applikant ikun jista' juża sistemi, riżorsi u proċeduri xierqa u proporzjonati li jippermettu lill-applikant jopera sew; dan għandu jinkludi:
 - i. rapport tal-introjtu u previżjoni tal-karta tal-bilanċ, inklużi xenarji fil-mira u xenarji ta' kriżi kif ukoll is-suppożizzjonijiet bażi tagħhom, bħan-numru ta' klijenti, l-ipprezzar u ż-żieda mistennija fil-livell limitu tal-profittabilità;
 - ii. spjegazzjonijiet tal-linji ewlenin ta' introjtu u nfiq, id-djun finanzjarji u l-assi kapitali;
 - iii. dijagramma u tqassim dettaljat tal-flussi stmati tal-flus għat-tliet snin li jmiss.

Linja Gwida 5: Organizzazzjoni strutturali

5.1. Jekk l-applikant huwa persuna fiżika, id-deskrizzjoni tal-organizzazzjoni strutturali tal-impriża tal-applikant għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

- a) previżjoni globali tan-numri tal-persunal għat-tliet snin li ġejjin;
- b) deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni operattivi rilevanti li tikkonsisti minn:
 - i. l-identità u l-post ġeografiku tal-fornitur tal-esternalizzazzjoni;
 - ii. l-identitajiet tal-persuni fi ħdan l-AISP li huma responsabbli għal kull waħda mill-attivitajiet esternalizzati;
 - iii. deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet esternalizzati u l-karatteristiċi prinċipali tagħha;

- c) kopja tal-abbozz tal-ftehimiet ta' esternalizzazzjoni;
- d) jekk applikabbli, deskrizzjoni tal-użu ta' fergħat u aġenti, inkluż:
 - i. immappjar tal-kontrolli barra mis-sit u fuq is-sit tal-fergħat u l-aġenti li l-applikant beħsiebu jwettaq;
 - ii. is-sistemi tal-IT, proċessi u infrastruttura li jintużaw mill-aġenti tal-applikant sabiex iwettqu attivitajiet f'isem l-applikant;
 - iii. fil-każ tal-aġenti, il-politika tal-għażla, il-proċeduri ta' monitoraġġ u t-taħriġ tal-aġenti u, fejn disponibbli, l-abbozz ta' termini ta' ingaġġ;
- e) lista tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha li għandhom rabtiet mill-qrib mal-applikant AISP, li tindika l-identità tagħhom u n-natura ta' dawk ir-rabtiet.

5.2. Jekk l-applikant huwa persuna ġuridika, id-deskrizzjoni tal-organizzazzjoni strutturali tal-impriża tiegħu għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

- a) ċart organizzattiva dettaljata, li turi kull diviżjoni, dipartiment jew separazzjoni strutturali simili, inkluż l-isem tal-persuna(i) responsabbli, b'mod partikolari dawk inkarigati minn funzjonijiet ta' kontroll intern; iċ-ċart għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet ta' kull diviżjoni, dipartiment jew separazzjoni strutturali simili;
- b) previżjoni globali tan-numri tal-persunal għat-tliet snin li ġejjin;
- c) deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni rilevanti li tikkonsisti minn:
 - i. l-identità u l-post ġeografiku tal-fornitur tal-esternalizzazzjoni;
 - ii. l-identitajiet tal-persuni fi ħdan l-AISP li huma responsabbli għal kull waħda mill-attivitajiet esternalizzati;
 - iii. deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet esternalizzati u l-karatteristiċi prinċipali tagħha;
- d) kopja tal-abbozz tal-ftehimiet ta' esternalizzazzjoni;
- e) jekk applikabbli, deskrizzjoni tal-użu ta' fergħat u aġenti, inkluż:
 - i. immappjar tal-kontrolli barra mis-sit u fuq is-sit tal-fergħat u l-aġenti li l-applikant beħsiebu jwettaq;

- ii. Is-sistemi tal-IT, proċessi u infrastrutturi li jintużaw mill-aġenti tal-applikant sabiex iwettqu attivitajiet f'isem l-applikant;
 - iii. fil-każ tal-aġenti, il-politika tal-għażla, il-proċeduri ta' monitoraġġ u t-taħriġ tal-aġenti u, fejn disponibbli, l-abbozz ta' termini ta' ingaġġ;
- f) lista tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha li għandhom rabtiet mill-qrib mal-applikant, li tindika l-identitajiet tagħhom u n-natura ta' dawk ir-rabtiet.

Linja Gwida 6: Arranġamenti ta' governanza u mekkaniżmi ta' kontroll intern

6.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-arranġament ta' governanza u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern li tkun tikkonsisti minn:

- a) immappjar tar-riskji identifikati mill-applikant, inkluż it-tip ta' riskji u l-proċeduri li l-applikant ser jimplimenta biex jivvaluta u jevita dawn ir-riskji;
- b) il-proċeduri differenti maħsuba sabiex jitwettqu kontrolli perjodiċi u permanenti, inkluż il-frekwenza, u r-riżorsi umani allokat; i;
- c) il-proċeduri kontabilistiċi li permezz tagħhom l-applikant ser jirreġistra u jirrapporta l-informazzjoni finanzjarja tiegħu;
- d) l-identità tal-persuna(i) responsabbli għall-funzjonijiet ta' kontroll intern, inkluż għall-kontrolli perjodiċi, permanenti u ta' konformità, kif ukoll curriculum vitae aġġornat;
- e) l-identità ta' kwalunkwe awditur li mhuwiex awditur statutorju skont id-Direttiva 2006/43/KE;
- f) il-kompożizzjoni tal-korp maniġerjali u, jekk applikabbli, ta' kwalunkwe korp ta' sorveljanza jew kumitat ieħor;
- g) deskrizzjoni tal-mod li bih il-funzjonijiet esternalizzati huma mmonitorjati u kkontrollati sabiex jiġi evitat indeboliment fil-kwalità tal-kontrolli interni tal-applikant;
- h) deskrizzjoni tal-mod li bih kwalunkwe aġent u fergħa huma mmonitorjati u kkontrollati fi ħdan il-qafas tal-kontrolli interni tal-applikant;
- i) fejn l-applikant huwa s-sussidjarju ta' entità regolata fi Stat Membru ieħor tal-UE, deskrizzjoni tal-governanza tal-grupp.

Linja Gwida 7: Proċedura għall-monitoraġġ, trattar u segwitu tal-inċidenti ta' sigurtà u lmenti tal-konsumaturi relatati mas-sigurtà

- 7.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-proċedura fis-seħħ sabiex isir monitoraġġ, trattament u segwitu tal-inċidenti ta' sigurtà u tal-ilmenti tal-konsumaturi relatati mas-sigurtà li għandhom jiġu pprovduti mill-applikant, li għandu jkun fiha:
- a) miżuri organizzattivi u għodod għall-prevenzjoni tal-frodi;
 - b) dettalji tal-individwi u korpi responsabbli għall-assistenza lill-klijenti f'każijiet ta' frodi, kwistjonijiet tekniċi u/jew ġestjoni tal-pretensjoni;
 - c) linji ta' rappurtar f'każijiet ta' frodi;
 - d) il-punt ta' kuntatt għall-klijenti, inkluż isem u indirizz elettroniku;
 - e) il-proċeduri għar-rappurtar tal-inċidenti, inkluża l-komunikazzjoni ta' dawn ir-rapporti lill-korpi interni jew esterni, inkluża n-notifika ta' inċidenti maġġuri lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali skont l-Artikolu 96 ta' PSD2 u f'konformità mal-linji gwida tal-EBA dwar ir-rappurtar tal-inċidenti taħt l-Artikolu msemmi.
 - f) l-għodod ta' monitoraġġ użati u l-miżuri u l-proċeduri ta' segwitu fis-seħħ sabiex jittaffu r-riskji tas-sigurtà.

Linja Gwida 8: Proċess fis-seħħ għall-preżentazzjoni, monitoraġġ, intraċċar u r-restrizzjoni tal-aċċess għal data sensittiva dwar pagamenti

- 8.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-proċess fis-seħħ sabiex jippreżenta, jimmonitorja, jintraċċa u jirrestrinġi l-aċċess għal data sensittiva dwar pagamenti li tikkonsisti minn:
- a) deskrizzjoni tal-fluss tad-data kklassifikata bħala data sensittiva dwar pagamenti fil-kuntest tal-mudell kummerċjali tal-AISP;
 - b) il-proċeduri fis-seħħ sabiex jiġi awtorizzat l-aċċess għal data sensittiva dwar pagamenti;
 - c) deskrizzjoni tal-għodda ta' monitoraġġ;
 - d) il-politika għad-dritt ta' aċċess, bid-dettall tal-aċċess għall-komponenti u s-sistemi tal-infrastruttura kollha rilevanti, inklużi bażijiet tad-data u infrastrutturi ta' riżerva;
 - e) deskrizzjoni ta' kif id-data miġbura hija ppreżentata;
 - f) l-użu intern u/jew estern mistenni tad-data miġbura, inkluż mill-kontropartijiet;

- g) is-sistema tal-IT u l-miżuri tas-sigurtà teknika li ġew implimentati, inkluż il-kriptaġġ u/jew it-tokenisation;
- h) identifikazzjoni tal-individwu(i), korpi u/jew kumitat(i) b'aċċess għad-data sensittiva dwar pagamenti;
- i) spjegazzjoni ta' kif il-ksur ser jiġi identifikat u indirizzat;
- j) programm annwali ta' kontroll intern fir-rigward tas-sigurtà tas-sistemi tal-IT.

Linja Gwida 9: L-arranġamenti dwar il-kontinwità tan-negozju

- 9.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-arranġamenti dwar il-kontinwità tan-negozju li tkun tikkonsisti mill-informazzjoni li ġejja:
- a) analiżi tal-impatt fuq in-negozju, inklużi l-proċessi tan-negozju u l-għanijiet ta' rkupru, bħal għanijiet ta' ħin ta' rkupru, għanijiet ta' punt ta' rkupru u assi protetti;
 - b) l-identifikazzjoni tas-sit ta' riżerva, aċċess għall-infrastruttura tal-IT, u s-software ewleni u d-data għal irkupru minn diżastru jew tfixkil;
 - c) spjegazzjoni ta' kif l-applikant ser jindirizza avvenimenti ta' kontinwità u tfixkil sinifikanti, bħall-falliment ta' sistemi ewlenin; it-telf ta' data ewlenija; l-inaċċessibbiltà tal-bini; u t-telf ta' persuni ewlenin;
 - d) il-frekwenza li biha l-applikant beħsiebu jittestja l-kontinwità tan-negozju u l-pjanijiet ta' rkupru minn diżastru, inkluż kif ir-riżultati tal-ittestjar ser jiġu rreġistrati.

Linja Gwida 10: Dokument dwar il-politika tas-sigurtà

- 10.1. L-applikant għandu jipprovdi dokument dwar il-politika tas-sigurtà li jkun fih l-informazzjoni li ġejja:
- a) valutazzjoni dettaljata tar-riskju tas-servizz(i) ta' pagament li l-applikant beħsiebu jipprovdi, li għandha tinkludi riskji ta' frodi u l-miżuri ta' kontroll tas-sigurtà u tal-mitigazzjoni meħuda sabiex l-utenti ta' servizzi ta' pagament jiġu protetti b'mod adegwat kontra r-riskji identifikati;
 - b) deskrizzjoni tas-sistemi tal-IT, li għandha tinkludi:
 - i. l-arkitettura tas-sistemi u l-elementi tan-netwerk tagħhom;

- ii. is-sistemi kummerċjali tal-IT li jappoġġjaw l-attivitajiet kummerċjali pprovduti, bħas-sit web tal-applikant, il-magna ta' ġestjoni tar-riskju u l-frodi, u l-kontabilità tal-klijent;
 - iii. is-sistemi ta' appoġġ tal-IT użati għall-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-AISP, bħall-kontabilità, sistemi ta' rappurtar legali, ġestjoni tal-persunal, ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijenti, servers tal-posta elettronika u servers tal-fajls interni;
 - iv. informazzjoni dwar jekk dawk is-sistemi humiex diġà użati mill-AISP jew mill-grupp tiegħu, u d-data ta' implimentazzjoni stmata, jekk applikabbli;
- c) it-tip ta' konnessjonijiet awtorizzati minn barra, bħal dawk ma' sħab, fornituri tas-servizzi, entitajiet tal-grupp u impjegati li jaħdmu mill-bogħod, inkluż ir-raġunament għal dawn il-konnessjonijiet;
- d) għal kull waħda mill-konnessjonijiet elenkati taħt punt c), il-miżuri u l-mekkaniżmi ta' sigurtà loġika fis-seħħ, filwaqt li jiġi speċifikat il-kontroll li ser ikollha l-istituzzjoni ta' pagament fuq tali aċċess kif ukoll in-natura u l-frekwenza ta' kull kontroll, bħal dak tekniku kontra dak organizzattiv; dak preventiv kontra dak identifikattiv; monitoraġġ f'ħin reali kontra reviżjonijiet regolari, bħall-użu ta' direttorju attiv separat mill-grupp, il-ftuħ/l-għeluq tal-linji ta' komunikazzjoni, il-konfigurazzjoni tat-tagħmir ta' sigurtà, il-ġenerazzjoni ta' ċertifikati ta' awtentikazzjoni ewlenin jew tal-klijent, il-monitoraġġ tas-sistema, l-awtentikazzjoni, il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni, l-identifikazzjoni ta' intrużjoni, is-sistemi kontra l-virus u l-ġurnali;
- e) il-miżuri u l-mekkaniżmi ta' sigurtà loġika li jirregolaw l-aċċess intern għas-sistemi tal-IT, li għandhom jinkludu:
- i. in-natura teknika u organizzattiva u l-frekwenza ta' kull miżura, bħal jekk hijiex preventiva jew identifikattiva u jekk issirx f'ħin reali;
 - ii. kif il-kwistjoni ta' segregazzjoni tal-klijenti relatata mal-ambjent hija indirizzata f'każijiet fejn ir-riżorsi tal-IT tal-applikant huma kondiviżi;
- f) il-miżuri u l-mekkaniżmi ta' sigurtà fiżika tal-bini u ċ-ċentru tad-data tal-applikant, bħal kontrolli ta' aċċess u sigurtà ambjentali;
- g) is-sigurtà tal-proċessi ta' pagament, li għandha tinkludi:
- i. il-proċedura ta' awtentikazzjoni tal-klijent użata kemm għal aċċess konsultattiv kif ukoll dak tranżazzjonali;

- ii. spjegazzjoni dwar kif it-twettiq sikur għall-utent ta' servizzi ta' pagament leġittimu u l-integrità ta' fatturi ta' awtentikazzjoni, bħat-tokens ta' ħardwer u applikazzjonijiet mobbli, huma żgurati, fiż-żmien tar-reġistrazzjoni inizjali kif ukoll tat-tiġdid;
 - iii. deskrizzjoni tas-sistemi u l-proċeduri li l-applikant għandu fis-seħħ għal analiżi ta' tranżazzjoni u l-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi jew mhux tas-soltu.
- h) valutazzjoni dettaljata tar-riskju fir-rigward tas-servizzi ta' pagament tagħha, inkluż il-frodi, b'rabta mal-miżuri ta' kontroll u ta' mitigazzjoni spjegati fil-fajl ta' applikazzjoni, li juru li r-riskji huma indirizzati;
- i) lista tal-proċeduri ewlenin bil-miktub fir-rigward tas-sistemi tal-IT tal-applikant jew, għal proċeduri li għadhom ma ġewx formalizzati, data stmata għall-finalizzazzjoni tagħhom.

Linja Gwida 11: Valutazzjoni tal-identità u tal-idoneità tad-diretturi u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-fornitur ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet

11.1. Għall-iskopijiet tal-valutazzjoni tal-identità u tal-idoneità tad-diretturi u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-fornitur ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet, l-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

- a) dettalji personali, li għandhom jinkludu:
- i. l-isem, is-sess, il-post u d-data tat-twelid, l-indirizz u n-nazzjonalità, u n-numru tal-identifikazzjoni personali jew kopja tal-karta tal-identità jew ekwivalenti;
 - ii. dettalji tal-pożizzjoni li għaliha qed tintalab il-valutazzjoni, u jekk il-pożizzjoni tal-korp maniġerjali hijiex eżekuttiva jew mhux eżekuttiva; din għandha tinkludi wkoll id-dettalji li ġejjin:
 - l-ittra tal-ħatra, il-kuntratt, l-offerta ta' impjieg jew abbozzi rilevanti, kif applikabbli;
 - id-data inizjali ppjanata u d-durata tal-mandat;
 - deskrizzjoni tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-individwu;
- b) fejn applikabbli, informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-idoneità mwettqa mill-applikant, li għandha tinkludi d-dettalji tar-riżultat ta' kwalunkwe valutazzjoni tal-idoneità tal-individwu mwettqa mill-istituzzjoni, bħal minuti tal-bord rilevanti jew rapporti dwar il-valutazzjoni tal-idoneità jew dokumenti oħra;

- c) evidenza tal-għarfien, ħiliet u esperjenza, li għandha tinkludi curriculum vitae li jkun fih dettalji tal-edukazzjoni u l-esperjenza professjonali, inklużi kwalifiki akkademiċi, taħriġ rilevanti ieħor, l-isem u n-natura tal-organizzazzjonijiet kollha li għalihom l-individwu jaħdem jew ħadem, u n-natura u d-durata tal-funzjonijiet imwettqa, b'mod partikolari bl-enfasi tkun fuq l-attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-pożizzjoni mfittxija;
- d) evidenza tar-reputazzjoni, onestà u integrità, li għandha tinkludi:
- i. rekords kriminali u informazzjoni rilevanti dwar investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali, każijiet ċivili u amministrattivi rilevanti, u azzjonijiet dixxiplinari, inkluż skwalifika bħala direttur ta' kumpanija, falliment, insolvenza u proċeduri simili, b'mod partikolari permezz ta' ċertifikat uffiċjali jew kwalunkwe sors ta' informazzjoni li huwa oġġettivament affidabbli dwar in-nuqqas ta' kundanna, investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali, bħal investigazzjonijiet ta' parti terza, xhieda li saret minn avukat jew nutar stabbilit fl-Unjoni Ewropea;
 - ii. dikjarazzjoni dwar jekk hemmx proċedimenti kriminali pendenti jew jekk il-persuna jew kwalunkwe organizzazzjoni mmexxija minnu jew minnha kinux involuti bħala debitur fi proċedimenti ta' insolvenza jew proċedimenti paragonabbli;
 - iii. informazzjoni dwar dan li ġej:
 - investigazzjonijiet, proċedimenti ta' infurzar jew sanzjonijiet minn awtorità superviżorja li l-individwu kien direttament jew indirettament involut fiha;
 - rifjut ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex jitwettaq kummerċ, negozju jew professjoni; l-irtirar, ir-revoka jew it-terminazzjoni ta' reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni, is-sħubija jew il-liċenzja; jew tkeċċija minn korp regolatorju jew governattiv jew minn korp professjonali jew assoċjazzjoni;
 - tkeċċija minn impjeg jew pożizzjoni ta' fiduċja, relazzjoni fiduċjarja jew sitwazzjoni simili, jew jekk il-persuna ntalbet tirriżenja minn impjeg f'pożizzjoni bħal din, bl-esklużjoni ta' sensji;
 - jekk twettqitx diġà valutazzjoni tar-reputazzjoni tal-individwu bħala akkwirent jew persuna li tmexxi n-negozju ta' istituzzjoni minn awtorità kompetenti oħra, inkluża l-identità ta' dik l-awtorità, id-data tal-valutazzjoni u l-evidenza tal-eżitu ta' din il-valutazzjoni, u l-kunsens tal-individwu, fejn meħtieġ, sabiex tali informazzjoni titfittex u tiġi pproċessata u l-informazzjoni pprovduta tintuża għall-valutazzjoni tal-idoneità;

- jekk twettqitx diġà xi valutazzjoni oħra qabel tal-individwu, bl-awtorità minn settur ieħor mhux finanzjarju, inklużi l-identità ta' dik l-awtorità u l-evidenza tal-eżitu ta' din il-valutazzjoni.

Linja Gwida 12: Assigurazzjoni tal-Indennizz Professionali jew garanzija komparabli

12.1. Bħala evidenza ta' Assigurazzjoni ta' Indennizz Professionali jew garanzija komparabli li hija konformi mal-Linji gwida tal-EBA dwar l-Assigurazzjoni ta' Indennizz Professionali (EBA/GL/2017/08) u l-Artikoli 5(2) u 5(3) tal-PSD2 l-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

- a) kuntratt tal-assigurazzjoni jew dokument ekwivalenti ieħor li jikkonferma l-eżistenza tal-Assigurazzjoni ta' Indennizz Professionali jew garanzija komparabli, b'ammont ta' kopertura li jkun konformi mal-Linji gwida tal-EBA msemmija, li juri l-kopertura tal-obbligazzjonijiet rilevanti;
- b) dokumentazzjoni ta' kif l-applikant ikkalkula l-ammont minimu b'mod li jkun konformi mal-Linji gwida tal-EBA msemmija, inklużi l-komponenti kollha applikabbli tal-formula speċifikata fiha.

4.3 Linji gwida dwar ir-reqwiziti ta' informazzjoni minn applikanti għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi

Linja Gwida 1: Princijpi ġenerali

- 1.1 Dan is-sett ta' linji gwida japplika għall-applikanti għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi (EMIs). Dan jirreferi għall-applikanti li beħsiebhom jipprovdu servizzi tal-flus elettroniċi u, jekk applikabbli, kwalunkwe servizz(i) ta' pagament imsemmi(ja) fil-punti 1-8 tal-Anness I tal-PSD2. Applikanti li beħsiebhom jipprovdu biss is-servizzi ta' pagament imsemmija fil-punti 1-7 tal-Anness I tal-PSD2 jew is-servizz 8 imsemmi f'dan l-Anness flimkien ma' servizz(i) oħra msemmija fil-punti 1-7 mingħajr ma jipprovdu servizzi tal-flus elettroniċi għandhom jirreferu għas-sett speċifiku ta' linji gwida dwar l-informazzjoni meħtieġa minn applikanti għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjonijiet ta' pagament (PIs) stabbiliti fit-taqsimi 4.1. L-applikanti li beħsiebhom jipprovdu biss is-servizz ta' pagament imsemmi fil-punt 8 tal-Anness I tal-PSD2 mingħajr ma jipprovdu servizzi tal-flus elettroniċi għandhom jirreferu għall-linji gwida dwar l-informazzjoni meħtieġa mill-applikanti għar-reġistrazzjoni għall-provvista tas-servizz 8 biss tal-Anness I PSD2 stabbilit fit-taqsimi 4.2.
- 1.2 L-informazzjoni pprovduta mill-applikanti għandha tkun vera, kompluta, preċiża u aġġornata. L-applikanti kollha għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet kollha fis-sett ta' linji gwida li japplika għalihom. Il-livell ta' dettall għandu jkun proporzjonat għad-daqs tal-applikant u l-organizzazzjoni interna, u għan-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kumplessità u r-riskju tas-servizz(i) partikolari li l-applikant beħsiebu jipprovdi. Fi kwalunkwe każ, skont id-Direttiva (UE) 2015/2366, id-diretturi u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-istituzzjoni tal-flus elettroniċi huma ta' reputazzjoni tajba u għandhom għarfien u esperjenza xierqa sabiex iwettqu servizzi ta' pagament, irrispettivament mid-daqs tal-istituzzjoni, l-organizzazzjoni interna u n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha u d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-pożizzjoni speċifika.
- 1.3 Meta jippreżenta l-informazzjoni meħtieġa, l-applikant għandu jevita li jagħmel referenzi għal taqsimiet speċifiċi tal-proċeduri/dokumenti interni. Minflok, l-applikant għandu jagħżel it-taqsimiet rilevanti u jipprovdihom lill-awtorità kompetenti.
- 1.4 Jekk l-awtoritajiet kompetenti (AK) ikunu jeħtieġu kjarifiki dwar l-informazzjoni li tkun ġiet ippreżentata, l-applikant għandu jipprovdi din il-kjarifika mingħajr dewmien.

- 1.5 Id-data kollha mitluba taħt dawn il-linji gwida għall-awtorizzazzjoni bħala EMIs hija meħtieġa għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni u ser tiġi ttrattata mill-awtorità kompetenti skont l-obbligi ta' segretezza professjonali stabbiliti f'PSD2, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni applikabbli u r-rekwiżiti u l-proċeduri nazzjonali dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess, rettifika, kanċellazzjoni jew oppożizzjoni.

Linja Gwida 2: Dettalji ta' Identifikazzjoni

- 2.1 Id-dettalji ta' identifikazzjoni li l-applikant għandu jipprovdi, għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:
- a) l-isem korporattiv tal-applikant u, jekk differenti, l-isem kummerċjali;
 - b) indikazzjoni ta' jekk l-applikant huwiex diġà inkorporat jew fil-proċess li jiġi inkorporat;
 - c) in-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-applikant, jekk applikabbli;
 - d) l-istatus legali tal-applikant u (abbozz ta') statut ta' assoċjazzjoni u/jew dokumenti kostituzzjonali li jixhdu l-istatus legali tal-applikant;
 - e) l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali u l-uffiċċju rreġistrat tal-applikant;
 - f) l-indirizz elettroniku u s-sit web tal-applikant, jekk disponibbli;
 - g) l-isem(ismijiet) tal-persuna(i) inkarigati li jindirizzaw il-fajl ta' applikazzjoni u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni, u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom;
 - h) indikazzjoni ta' jekk l-applikant qatt kien, jew huwa attwalment irregolat minn awtorità kompetenti fis-settur tas-servizzi finanzjarji;
 - i) kwalunkwe assoċjazzjoni kummerċjali, fir-rigward tal-provvista ta' servizzi tal-flus elettroniċi u/jew servizzi ta' pagament, li l-applikant jippjana li jissieħeb magħha, fejn applikabbli;
 - j) iċ-ċertifikat ta' regjistru tal-inkorporazzjoni jew, jekk applikabbli, ċertifikat negattiv ta' regjistru merkantili li jiċċertifika li l-isem applikat mill-kumpanija huwa disponibbli;
 - k) evidenza tal-pagament ta' kwalunkwe miżata jew tad-depożitu ta' fondi sabiex tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni tal-flus elettroniċi, fejn applikabbli skont il-liġi nazzjonali.

Linja Gwida 3: Programm ta' operazzjonijiet

- 3.1 Il-programm ta' operazzjonijiet li l-applikant għandu jipprovdi, għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- a) indikazzjoni tas-servizzi tal-flus elettroniċi li l-applikant beħsiebu jipprovdi: ħruġ, tifiedija, distribuzzjoni;
- b) jekk applikabli, deskrizzjoni pass pass tat-tip ta' servizzi ta' pagament previsti, inkluża spjegazzjoni ta' kif l-attivitajiet u l-operazzjonijiet li ser jiġu pprovduti huma identifikati mill-applikant bħala adattati fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji legali tas-servizzi ta' pagament elenkati fl-Anness I ta' PSD2, u indikazzjoni ta' jekk dawn is-servizzi ta' pagament ikunux ipprovduti flimkien mas-servizzi tal-flus elettroniċi jew jekk dawn humiex marbuta mal-ħruġ tal-flus elettroniċi;
- c) dikjarazzjoni ta' jekk l-applikant, fi kwalunkwe punt, huwiex ser jidħol jew le fil-pussess ta' fondi;
- d) jekk applikabli, deskrizzjoni tal-eżekuzzjoni tas-servizzi tal-flus elettroniċi differenti u, jekk applikabli, servizzi ta' pagament, filwaqt li jkun hemm dettalji tal-partijiet kollha involuti, għal kull servizz tal-flus elettroniċi u, jekk applikabli, kull servizz ta' pagament ipprovdut:
 - i. dijagramma tal-fluss ta' fondi;
 - ii. arranġamenti ta' saldu;
 - iii. abbozz ta' kuntratti bejn il-partijiet kollha involuti fil-provvista ta' servizzi ta' pagament inklużi dawk bl-iskemi ta' kards ta' pagament, jekk applikabli;
 - iv. hiniijiet ta' pproċessar;
- e) kopja tal-abbozz ta' kuntratt bejn l-emittent tal-flus elettroniċi u d-detentur tal-flus elettroniċi u l-abbozz tal-kuntratt qafas, kif definit fl-Artikolu 4(21) tal-PSD2 jekk l-applikant jippretendi li jipprovdi s-servizzi ta' pagament flimkien mas-servizzi tal-flus elettroniċi;
- f) in-numru stmat ta' bini differenti li minnu l-applikant beħsiebu jipprovdi s-servizzi, jekk applikabli;
- g) deskrizzjoni ta' kwalunkwe servizz anċillari għas-servizzi tal-flus elettroniċi u, jekk applikabli, għas-servizzi ta' pagament;
- h) meta l-applikant ikun beħsiebu jipprovdi servizzi ta' pagament flimkien mas-servizzi tal-flus elettroniċi, dikjarazzjoni ta' jekk l-applikant huwiex beħsiebu jagħti kreditu u, jekk iva, f'liema limiti;

- i) dikjarazzjoni ta' jekk l-applikant jipplanax li jipprovdi servizzi tal-flus elettroniċi u, jekk applikabbli, servizzi ta' pagament fi Stati Membri oħra tal-UE jew pajjiżi terzi wara l-għoti tal-liċenzja;
- j) indikazzjoni ta' jekk l-applikant huwiex beħsiebu, għat-tliet snin li ġejjin, jipprovdi jew diġà jipprovdi, attivitajiet tan-negozju minbarra servizzi tal-flus elettroniċi u, jekk applikabbli, servizzi ta' pagament, kif imsemmi fl-Artikolu 11(5) tad-Direttiva (UE) 2015/2366, inkluża deskrizzjoni tat-tip u l-volum mistenni tal-attivitajiet;
- k) l-informazzjoni speċifikata fil-Linji gwida tal-EBA dwar il-kriterji dwar kif wieħed għandu jistipula l-ammont monetarju minimu tal-Assigurazzjoni ta' Indennizz Professionali jew garanzija komparabbli oħra skont l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (EBA/GL2017/08), fejn l-applikant beħsiebu jipprovdi s-servizzi 7 u 8 (servizzi ta' bidu ta' pagament (PIS) u servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (AIS)).

Linja Gwida 4: Pjan tan-negozju

4.1. Il-pjan tan-negozju li għandu jiġi pprovdut mill-applikant għandu jinkludi:

- a) pjan ta' kummerċjalizzazzjoni li jikkonsisti minn:
 - i. analiżi tal-pożizzjoni kompetittiva tal-kumpanija fis-suq tal-flus elettroniċi u, jekk applikabbli, segment tas-suq ta' pagament ikkonċernat;
 - ii. deskrizzjoni tal-utenti ta' servizzi ta' pagament u detenturi tal-flus elettroniċi, materjal ta' kummerċjalizzazzjoni u kanali ta' distribuzzjoni;
- b) kontijiet annwali ċċertifikati għat-tliet snin preċedenti, jekk disponibbli, jew sommarju tas-sitwazzjoni finanzjarja għal dawk il-kumpaniji li għadhom ma pproduċewx kontijiet annwali;
- c) kalkolu ta' previżjoni tal-baġit għall-ewwel tliet snin finanzjarji li juri li l-applikant ikun jista' juża sistemi, riżorsi u proċeduri xierqa u proporzjonati li jippermettu lill-applikant jopera sew; dan għandu jinkludi:
 - i. rapport tal-introjtu u previżjoni tal-karta tal-bilanċ, inklużi xenarji fil-mira u xenarji ta' kriżi kif ukoll is-suppożizzjonijiet bażi tagħhom, bħall-volum u l-valur tat-tranżazzjonijiet, in-numru ta' klijenti, l-ipprezzar, l-ammont medju għal kull tranżazzjoni, żieda mistennija fil-livell limitu tal-profittabilità;
 - ii. spjegazzjonijiet tal-linji ewlenin ta' introjtu u nfiq, id-djun finanzjarji u l-assi kapitali;
 - iii. dijagramma u tqassim dettaljat tal-flussi tal-flus stmati għat-tliet snin li ġejjin;

- d) informazzjoni dwar fondi proprji, inklużi l-ammont u t-tqassim iddettaljat tal-kompożizzjoni ta' kapital inizjali kif stabbilit fl-Artikolu 57(a) u (b) tad-Direttiva 2006/48/KE;
- e) informazzjoni dwar, u kalkolu ta', rekwiżiti minimi ta' fondi proprji skont il-metodu D, kif imsemmi fl-Artikolu 5.3 tad-Direttiva (UE) 2009/110 (it-tieni Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi (EMD2)), jekk l-istituzzjoni tal-flus elettroniċi hijiex beħsiebha tipprovdi servizzi tal-flus elettroniċi biss, jew il-metodu(i) msemmi(ja) fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (PSD2) kif iddeterminat mill-awtorità kompetenti, jekk l-applikant huwix beħsiebu jipprovdi servizzi ta' pagament flimkien mas-servizzi tal-flus elettroniċi, inkluż projezzjoni annwali tat-tqassim tal-fondi proprji għal tliet snin skont il-metodu użat u, jekk applikabbli, projezzjoni annwali tal-fondi proprji għal tliet snin skont il-metodi l-oħrajn użati.

Linja Gwida 5: Organizzazzjoni strutturali

- 5.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-organizzazzjoni strutturali tal-impriża tiegħu li tkun tikkonsisti minn:
 - a) ċart organizzattiva dettaljata, li turi kull diviżjoni, dipartiment jew separazzjoni strutturali simili, inkluż l-isem tal-persuna(i) responsabbli, b'mod partikolari daww inkarigati minn funzjonijiet ta' kontroll intern; iċ-ċart għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet ta' kull diviżjoni, dipartiment jew separazzjoni strutturali simili;
 - b) previżjoni globali tan-numri tal-persunal għat-tliet snin li ġejjin;
 - c) deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni operattivi rilevanti li tikkonsisti minn:
 - i. l-identità u l-post ġeografiku tal-fornitur tal-esternalizzazzjoni;
 - ii. l-identità tal-persuni fi ħdan l-istituzzjoni tal-flus elettroniċi li huma responsabbli għal kull waħda mill-attivitajiet esternalizzati;
 - iii. deskrizzjoni ċara tal-attivitajiet esternalizzati u l-karatteristiċi prinċipali tagħhom;
 - d) kopja tal-abbozz tal-ftehimiet ta' esternalizzazzjoni;
 - e) deskrizzjoni tal-użu ta' fergħat, aġenti u distributuri, fejn applikabbli, inklużi:
 - i. immappjar tal-kontrolli barra mis-sit u fuq is-sit li l-applikant beħsiebu jwettaq fuq fergħat, aġenti u distributuri;
 - ii. is-sistemi tal-IT, proċessi u infrastruttura li jintużaw mill-aġenti u d-distributuri tal-applikant sabiex iwettqu attivitajiet f'isem l-applikant;

- iii. fil-każ tal-aġenti u d-distributuri, il-politika tal-għażla, il-proċeduri ta' monitoraġġ, it-taħriġ tal-aġenti u tad-distributur u, fejn disponibbli, l-abbozz ta' termini ta' ingaġġ tal-aġenti u d-distributuri;
- f) indikazzjoni tas-sistema ta' pagament nazzjonali u/jew internazzjonali li l-applikant ser jaċċessa, jekk applikabbli;
- g) lista tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha li għandhom rabtiet mill-qrib mal-applikant, li tindika l-identitajiet tagħhom u n-natura ta' dawk ir-rabtiet.

Linja Gwida 6: Evidenza tal-kapital inizjali

- 6.1. Għall-evidenza tal-kapital inizjali li għandha tingħata mill-applikant (ta' EUR 350 000), l-applikant għandu jippreżenta d-dokumenti li ġejjin:
- a) għal impriżi eżistenti, rendikont awditjat jew reġistru pubbliku li jiċċertifika l-ammont tal-kapital tal-applikant;
 - b) għal impriżi li qegħdin fil-proċess ta' inkorporazzjoni, rendikont bankarju maħruġ minn bank li jiċċertifika li l-fondi huma ddepożitati fil-kont tal-bank tal-applikant.

Linja Gwida 7: Miżuri sabiex jiġu salvagwardjati l-fondi tal-utenti tal-flus elettroniċi u/jew utenti ta' servizzi ta' pagament

- 7.1. Meta l-applikant jissalvagwardja l-fondi tal-utenti tal-flus elettroniċi u/jew tal-utenti ta' servizzi ta' pagament permezz tad-depożitu tal-fondi f'kont separat f'istituzzjoni ta' kreditu jew permezz ta' investiment f'assi sikuri, likwidi u b'riskju baxx, id-deskrizzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja għandu jkun fiha:
- a) deskrizzjoni tal-politika ta' investiment sabiex jiġi żgurat li l-assi magħżula huma likwidi, sikuri u b'riskju baxx, jekk applikabbli;
 - b) in-numru ta' persuni li għandhom aċċess għas-salvagwardja tal-kont u l-funzjonijiet tagħhom;
 - c) deskrizzjoni tal-proċess amministrattiv u dak ta' rikonċiljazzjoni għall-utenti tal-flus elettroniċi u, jekk applikabbli, utenti ta' servizzi ta' pagament, kontra l-pretensjonijiet ta' kredituri oħra tal-istituzzjoni tal-flus elettroniċi, b'mod partikolari fil-każ ta' insolvenza;
 - d) kopja tal-abbozz ta' kuntratt bl-istituzzjoni ta' kreditu;
 - e) dikjarazzjoni espliċita mill-istituzzjoni tal-flus elettroniċi tal-konformità mal-Artikolu 10 ta' PSD2.

- 7.2. Meta l-applikant jissalvagwardja l-fondi tal-utenti tal-flus elettroniċi u, jekk applikabbi, l-utenti ta' servizzi ta' pagament permezz ta' politika ta' assigurazzjoni jew garanzija komparabbi minn kumpanija ta' assigurazzjoni jew istituzzjoni ta' kreditu, u sakemm l-applikant mhux beħsiebu jipprovdi PIS biss, id-deskrizzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja għandu jkun fiha li ġej:
- a) konferma li l-politika ta' assigurazzjoni jew garanzija komparabbi minn kumpanija ta' assigurazzjoni jew istituzzjoni ta' kreditu hija minn entità li mhijiex parti mill-istess grupp ta' kumpaniji bħal tal-applikant;
 - b) dettalji tal-proċess ta' rikonċiljazzjoni fis-seħħ sabiex jiġi żgurat li fil-ħinijiet kollha l-politika ta' assigurazzjoni jew il-garanzija komparabbi hija biżżejjed sabiex tissodisfa l-obbligi ta' salvagwardja tal-applikant;
 - c) durata u tiġdid tal-kopertura;
 - d) kopja tal-(abbozz ta') ftehim ta' assigurazzjoni jew l-(abbozz ta') garanzija komparabbi.

Linja Gwida 8: Arranġamenti ta' governanza u mekkaniżmi ta' kontroll intern

- 8.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-arranġament ta' governanza u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern li tkun tikkonsisti minn:
- a) immappjar tar-riskji identifikati mill-applikant, inkluż it-tip ta' riskji u l-proċeduri li l-applikant ser jimplementa biex jivvaluta u jevita dawn ir-riskji, fir-rigward tas-servizzi tal-flus elettroniċi u, jekk applikabbi, servizzi ta' pagament;
 - b) il-proċeduri differenti sabiex jitwettqu kontrolli perjodiċi u permanenti, inkluż il-frekwenza u r-riżorsi umani allokat; i;
 - c) il-proċeduri kontabilistiċi li permezz tagħhom l-applikant ser jirreġistra u jirrapporta l-informazzjoni finanzjarja tiegħu;
 - d) l-identità tal-persuna(i) responsabbi għall-funzjonijiet ta' kontroll intern, inkluż għal kontrolli perjodiku, permanenti u ta' konformità, kif ukoll curriculum vitae aġġornat;
 - e) l-identità ta' kwalunkwe awditur li mhuwiex awditur statutorju skont id-Direttiva 2006/43/KE;
 - f) il-kompożizzjoni tal-korp maniġerjali u, jekk applikabbi, ta' kwalunkwe korp ta' sorveljanza jew kumitat ieħor;

- g) deskrizzjoni tal-mod li bih il-funzjonijiet esternalizzati huma mmonitorjati u kkontrollati sabiex jiġi evitat indeboliment fil-kwalità tal-kontrolli interni tal-istituzzjoni tal-flus elettroniċi;
- h) deskrizzjoni tal-mod li bih kwalunkwe aġent, fergħa u distributtur huma mmonitorjati u kkontrollati fi ħdan il-qafas tal-kontrolli interni tal-applikant;
- i) fejn l-applikant huwa s-sussidjarju ta' entità regolata fi Stat Membru ieħor tal-UE, deskrizzjoni tal-governanza tal-grupp.

Linja Gwida 9: Proċedura għall-monitoraġġ, trattar u segwitu tal-inċidenti ta' sigurtà u lmenti tal-konsumaturi relatati mas-sigurtà

- 9.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-proċedura fis-seħħ sabiex isir monitoraġġ, trattament u segwitu tal-inċidenti ta' sigurtà u tal-ilmenti tal-konsumaturi relatati mas-sigurtà li għandhom jiġu pprovduti mill-applikant, li għandu jkun fiha:
- a) miżuri organizzattivi u għodod għall-prevenzjoni tal-frodi;
 - b) dettalji tal-individwi u korpi responsabbli għall-assistenza lill-klijenti f'każijiet ta' frodi, kwistjonijiet tekniċi u/jew ġestjoni tal-pretensjoni;
 - c) linji ta' rappurtar f'każijiet ta' frodi;
 - d) il-punt ta' kuntatt għall-klijenti, inkluż isem u indirizz elettroniku;
 - e) il-proċeduri għar-rappurtar tal-inċidenti, inkluża l-komunikazzjoni ta' dawn ir-rapporti lill-korpi interni jew esterni, inkluż għall-applikanti li beħsiebhom jipprovdu servizzi ta' pagament flimkien mas-servizzi tal-flus elettroniċi, u n-notifika ta' inċidenti maġġuri lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali skont l-Artikolu 96 ta' PSD2 u f'konformità mal-linji gwida tal-EBA dwar ir-rappurtar tal-inċidenti taħt l-Artikolu msemmi.
 - f) l-għodod ta' monitoraġġ użati u l-miżuri u l-proċeduri ta' segwitu fis-seħħ sabiex jittaffu r-riskji tas-sigurtà.

Linja Gwida 10: Proċess għall-preżentazzjoni, monitoraġġ, intraċċar u r-restrizzjoni tal-aċċess għal data sensittiva dwar pagamenti

- 10.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-proċess fis-seħħ sabiex jippreżenta, jimmonitorja, jintraċċa u jirrestrinġi l-aċċess għal data sensittiva dwar pagamenti li tikkonsisti minn:
- a) deskrizzjoni tal-flussi tad-data kklassifikata bħala data sensittiva dwar pagamenti fil-kuntest ta' mudell kummerċjali tal-istituzzjoni tal-flus elettroniċi;

- b) il-proċeduri fis-seħħ sabiex jiġi awtorizzat l-aċċess għal data sensittiva dwar pagamenti;
- c) deskrizzjoni tal-għodda ta' monitoraġġ;
- d) il-politika għad-dritt ta' aċċess, bid-dettall tal-aċċess għall-komponenti u s-sistemi tal-infrastruttura kollha rilevanti, inklużi bażijiet tad-data u infrastrutturi ta' riżerva;
- e) deskrizzjoni ta' kif id-data miġbura hija ppreżentata;
- f) l-użu intern u/jew estern mistenni tad-data miġbura, inkluż mill-kontropartijiet;
- g) is-sistema tal-IT u l-miżuri tas-sigurtà teknika li ġew implimentati, inkluż il-kriptaġġ u/jew it-tokenisation;
- h) identifikazzjoni tal-individwi, korpi u/jew kumitati b'aċċess għad-data sensittiva dwar pagamenti;
- i) spjegazzjoni ta' kif il-ksur ser jiġi identifikat u indirizzat;
- j) programm annwali ta' kontroll intern fir-rigward tas-sigurtà tas-sistemi tal-IT.

Linja Gwida 11: L-arranġamenti dwar il-kontinwità tan-negozju

- 11.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-arranġamenti dwar il-kontinwità tan-negozju li tkun tikkonsisti mill-informazzjoni li ġejja:
- a) analiżi tal-impatt fuq in-negozju, inklużi l-proċessi tan-negozju u l-għanijiet ta' rkupru, bħal għanijiet ta' ħin ta' rkupru, għanijiet ta' punt ta' rkupru u assi protetti;
 - b) l-identifikazzjoni tas-sit ta' riżerva u aċċess għall-infrastruttura tal-IT, u s-software ewleni u d-data għal irkupru minn diżastru jew tfixkil;
 - c) spjegazzjoni ta' kif l-applikant ser jindirizza avvenimenti ta' kontinwità u tfixkil sinifikanti, bħall-falliment ta' sistemi ewlenin; it-telf ta' data ewlenija; l-inaċċessibbiltà tal-bini; u t-telf ta' persuni ewlenin;
 - d) il-frekwenza li biha l-applikant beħsiebu jittestja l-kontinwità tan-negozju u l-pjanijiet ta' rkupru minn diżastru, inkluż kif ir-riżultati tal-ittestjar ser jiġu rreġistrati;
 - e) deskrizzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni li għandhom jiġu adottati mill-applikant, f'każijiet tat-terminazzjoni tas-servizzi ta' pagament tiegħu, bl-iżgurar tal-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament pendenti u t-terminazzjoni ta' kuntratti eżistenti.

Linja Gwida 12: Il-prinċipji u d-definizzjonijiet applikabbli għall-ġbir ta' data statistika dwar il-prestazzjoni, it-tranżazzjonijiet u l-frodi.

- 12.1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-prinċipji u d-definizzjonijiet applikabbli għall-ġbir tad-data statistika dwar il-prestazzjoni, it-tranżazzjonijiet u l-frodi li tikkonsisti mill-informazzjoni li ġejja:
- a) it-tip ta' data li tinġabar, fir-rigward tal-klijenti, it-tip ta' servizzi ta' pagament, il-kanal, l-istrument, il-ġurisdizzjonijiet u l-muniti;
 - b) il-kamp ta' applikazzjoni tal-ġbir, f'termini tal-attivitajiet u l-entitajiet ikkonċernati, inkluż fergħat, aġenti u distributuri;
 - c) il-mezzi tal-ġbir;
 - d) l-iskop tal-ġbir;
 - e) il-frekwenza tal-ġbir;
 - f) dokumenti ta' sostenn, bħal manwal, li jiddeskrivu kif taħdem is-sistema.

Linja Gwida 13: Dokument dwar il-politika tas-sigurtà

- 13.1. L-applikant għandu jipprovdi dokument dwar il-politika ta' sigurtà fir-rigward tas-servizz(i) tal-flus elettroniċi tiegħu u, fejn applikabbli, servizz(i) ta' pagament li jkun fihom l-informazzjoni li ġejja:
- a) valutazzjoni dettaljata tar-riskju tas-servizz(i) tal-flus elettroniċi u, fejn applikabbli, is-servizz(i) ta' pagament li l-applikant beħsiebu jipprovdi, li għandha tinkludi riskji ta' frodi u l-miżuri ta' kontroll tas-sigurtà u tal-mitigazzjoni meħuda sabiex l-utenti ta' servizz tal-flus elettroniċi jiġu protetti b'mod adegwat u, fejn applikabbli, jiġu protetti utenti ta' servizzi ta' pagament kontra r-riskji identifikati;
 - b) deskrizzjoni tas-sistemi tal-IT, li għandha tinkludi:
 - i. l-arkitettura tas-sistemi u l-elementi tan-netwerk tagħhom;
 - ii. is-sistemi kummerċjali tal-IT li jappoġġjaw l-attivitajiet tan-negozju pprovduti, bħas-sit web tal-applikant, il-kartieri, il-magna ta' pagament, il-magna ta' ġestjoni tar-riskju u l-frodi, u l-kontabilità tal-klijent;
 - iii. is-sistemi ta' appoġġ tal-IT użati għall-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-istituzzjoni tal-flus elettroniċi, bħall-kontabilità, sistemi ta' rappurtar legali,

- ġestjoni tal-persunal, ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijenti, servers tal-posta elettronika u servers tal-fajls interni;
- iv. informazzjoni dwar jekk dawk is-sistemi humiex diġà użati mill-istituzzjoni tal-flus elettroniċi jew mill-grupp tagħha, u d-data ta' implimentazzjoni stmata, jekk applikabbli;
- c) it-tip ta' konnessjonijiet awtorizzati minn barra, bħal dawk ma' sħab, fornituri tas-servizzi, entitajiet tal-grupp u impjegati li jaħdmu mill-bogħod, inkluż ir-raġunament għal dawn il-konnessjonijiet;
- d) għal kull waħda mill-konnessjonijiet elenkati taħt punt c), il-miżuri u l-mekkaniżmi ta' sigurtà loġika fis-seħħ, filwaqt li jiġi speċifikat il-kontroll li ser ikollha l-istituzzjoni tal-flus elettroniċi fuq tali aċċess kif ukoll in-natura u l-frekwenza ta' kull kontroll, bħal dak tekniku kontra dak organizzattiv; dak preventiv kontra dak identifikattiv; u monitoraġġ f'ħin reali kontra reviżjonijiet regolari, bħall-użu ta' direttorju attiv separat mill-grupp, il-ftuħ/l-għeluq tal-linji ta' komunikazzjoni, il-konfigurazzjoni tat-tagħmir ta' sigurtà, il-ġenerazzjoni ta' ċertifikati ta' awtentikazzjoni ewlenin jew tal-klijent, il-monitoraġġ tas-sistema, l-awtentikazzjoni, il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni, l-identifikazzjoni ta' intrużjoni, is-sistemi kontra l-virus u l-ġurnali;
- e) il-miżuri u l-mekkaniżmi ta' sigurtà loġika li jirregolaw l-aċċess intern għas-sistemi tal-IT, li għandhom jinkludu:
- i. in-natura teknika u organizzattiva u l-frekwenza ta' kull miżura, bħal jekk hijiex preventiva jew identifikattiva u jekk issirx f'ħin reali;
- ii. kif il-kwistjoni ta' segregazzjoni tal-klijenti relatata mal-ambjent hija indirizzata f'każijiet fejn ir-riżorsi tal-IT tal-applikant huma kondiviżi;
- f) il-miżuri u l-mekkaniżmi ta' sigurtà fiżika tal-bini u ċ-ċentru tad-data tal-applikant, bħal kontrolli ta' aċċess u sigurtà ambjentali;
- g) is-sigurtà tal-flus elettroniċi u, fejn applikabbli, proċessi ta' pagament, li għandhom jinkludu:
- i. il-proċedura ta' awtentikazzjoni tal-klijent użata kemm għal aċċess konsultattiv kif ukoll dak tranżazzjonali, u għall-istrumenti kollha ta' pagament sottostanti;
- ii. spjegazzjoni dwar kif it-tweqqif sikur għall-utent ta' servizzi tal-flus elettroniċi leġittimu u, fejn applikabbli, utent ta' servizzi ta' pagament u l-integrità ta' fatturi ta' awtentikazzjoni, bħat-tokens ta' hardwer u applikazzjonijiet mobbli, huma żgurati, fiż-żmien tar-reġistrazzjoni inizjali kif ukoll tat-tiġdid;

- iii. deskrizzjoni tas-sistemi u proċeduri li l-istituzzjoni tal-flus elettroniċi għandha fis-seħħ għal analiżi ta' tranżazzjoni u l-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi jew mhux tas-soltu;
- h) valutazzjoni dettaljata tar-riskju fir-rigward tas-servizzi tal-flus elettroniċi tagħha u, fejn applikabbli, is-servizzi ta' pagament tagħha, inkluż il-frodi, b'rabta mal-miżuri ta' kontroll u ta' mitigazzjoni spjegati fil-fajl ta' applikazzjoni, li juru li r-riskji huma indirizzati;
- i) lista tal-proċeduri ewlenin bil-miktub fir-rigward tas-sistemi tal-IT tal-applikant jew, għal proċeduri li għadhom ma ġewx formalizzati, data stmata għall-finalizzazzjoni tagħhom.

Linja Gwida 14: Mekkaniżmi ta' kontroll intern għall-konformità mal-obbligi fir-rigward tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (obbligi AML/CFT)

14.1 Id-deskrizzjoni tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern li l-applikant stabbilixxa sabiex, fejn applikabbli, jikkonforma ma' dawn l-obbligi, għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

- a) il-valutazzjoni tal-applikant tar-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu assoċjati man-negozju tiegħu, inklużi r-riskji assoċjati mal-klijentela tal-applikant, il-prodotti u s-servizzi pprovduti, il-kanali ta' distribuzzjoni użati u ż-żoni ġeografiċi ta' operazzjoni;
- b) il-miżuri li l-applikant għandu jew ser jimplimenta sabiex itaffi r-riskji u jikkonforma ma' obbligi applikabbli għal ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż il-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju tal-applikant, il-politiki u l-proċeduri sabiex jikkonforma ma' rekwiżiti relatati mad-diliġenza dovuta tal-klijent, u l-politiki u l-proċeduri sabiex jidentifika u jirrapporta tranżazzjonijiet jew attivitajiet suspettużi;
- c) is-sistemi u l-kontrolli li l-applikant għandu jew ser jimplimenta sabiex jiżgura li l-fergħat, l-aġenti u d-distributori tiegħu jikkonformaw ma' rekwiżiti applikabbli relatati mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż, f'każijiet fejn l-aġent, id-distributur jew il-fergħa jinsabu fi Stat Membru ieħor;
- d) arranġamenti li l-applikant għandu jew ser jimplimenta sabiex jiżgura li l-persunal, l-aġenti u d-distributori huma mħarrġa kif xieraq fi kwistjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu;
- e) l-identità tal-persuna inkarigata sabiex tiżgura l-konformità tal-applikant mal-obbligi ta' ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, u evidenza li l-għarfien espert tagħhom relatat mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra t-terroriżmu huwa biżżejjed sabiex huma jkunu jistgħu jissodisaw dan ir-rwol b'mod effettiv;

- f) is-sistemi u l-kontrolli li l-applikant għandu jew ser jimplimenta sabiex jiżgura li l-politiki u l-proċeduri tiegħu relatati mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu jibqgħu aġġornati, effettivi u rilevanti;
- g) is-sistemi u l-kontrolli li l-applikant għandu jew ser jimplimenta sabiex jiżgura li l-aġenti u d-distributori ma jesponux l-applikant għal riskju miżjud tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu;
- h) il-manwal relatat mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra t-terroriżmu għall-persunal tal-applikant.

Linja Gwida 15: Valutazzjoni tal-identità u l-idoneità tal-persuni b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti fl-applikant

15.1 Għall-iskopijiet tal-identità u l-evidenza tal-idoneità ta' persuni b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti fl-istituzzjoni tal-flus elettroniċi tal-applikant, mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni skont il-kriterji, kif rilevanti, introdotti bid-Direttiva 2007/44/KE u speċifikati fil-linji gwida konġunti għall-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti (EBA/GL/2017/08), l-applikant għandu jippreżenta l-informazzjoni li ġejja:

- a) deskrizzjoni tal-grupp li għalih jappartjeni l-applikant u indikazzjoni tal-impriża omm, fejn applikabbli;
- b) ċart li tistabbilixxi l-istruttura tal-azzjonist tal-applikant, inkluż:
 - i. l-isem u l-perċentwal tal-parteċipazzjoni (kapital/dritt tal-vot) ta' kull persuna li għandha jew ser ikollha parteċipazzjoni diretta fil-kapital azzjonarju tal-applikant, filwaqt li ssir identifikazzjoni ta' dawk li huma meqjusa bħala parteċipanti kwalifikanti u r-raġuni għal dawn il-kwalifiki;
 - ii. l-isem u l-perċentwal tal-parteċipazzjoni (kapital/drittijiet tal-vot) ta' kull persuna li għandha jew ser ikollha parteċipazzjoni indiretta fil-kapital azzjonarju tal-applikant, filwaqt li ssir identifikazzjoni ta' dawk li huma meqjusa bħala parteċipanti kwalifikanti indiretti u r-raġuni għal din il-kwalifika;
- c) lista tal-ismijiet tal-persuni kollha u entitajiet oħra li għandhom jew, fil-każ ta' awtorizzazzjoni, ser ikollhom parteċipazzjonijiet kwalifikanti fil-kapital tal-applikant, li għal kull persuna jew entità tindika:
 - i. in-numru u t-tip ta' ishma jew parteċipazzjonijiet oħra sottoskritti jew li għandhom jiġu sottoskritti;
 - ii. il-valur nominali ta' dawn l-ishma jew parteċipazzjonijiet oħra.

- 15.2 Fejn persuna li għandha jew, fil-każ ta' awtorizzazzjoni, ser ikollha parteċipazzjoni kwalifikanti fil-kapital tal-applikant, hija persuna fiżika, l-applikazzjoni għandha tistabbilixxi l-informazzjoni kollha li ġejja relatata mal-identità u l-idoneità ta' dik il-persuna:
- a) l-isem tal-persuna u l-isem tal-persuna fit-twelid, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza (attwali u preċedenti), in-numru ta' identifikazzjoni (fejn disponibbli) jew in-numru tal-passaport, l-indirizz u kopja ta' dokument uffiċjali tal-identità;
 - b) curriculum vitae dettaljat li jindika l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-esperjenza professjonali preċedenti u kwalunkwe attività professjonali jew funzjonijiet oħra li qed jitwettqu attwalment;
 - c) dikjarazzjoni, akkumpanjata minn dokumenti ta' sostenn, li jkun fiha l-informazzjoni li ġejja dwar il-persuna;
 - i. soġġetta għal rekwiżiti leġiżlattivi nazzjonali li jikkonċernaw l-iżvelar ta' kundanni esegwiti, kwalunkwe kundanna jew proċediment kriminali fejn il-persuna nstabet ħatja tagħhom u li ma twarrbux;
 - ii. kwalunkwe deċiżjoni ċivili jew amministrattiva fi kwistjonijiet ta' rilevanza għall-valutazzjoni jew proċess ta' awtorizzazzjoni fejn il-persuna nstabet ħatja tagħhom u kwalunkwe sanzjoni amministrattiva jew miżura imposta bħala konsegwenza ta' ksur tal-liġijiet jew tar-regolamenti (inkluża skwalifika bħala direttur ta' kumpanija), f'kull każ li ma twarrbux u li ma hemm l-ebda appell pendent jew li jista' jiġi ppreżentat kontri hom;
 - iii. kwalunkwe falliment, insolvenza jew proċeduri simili;
 - iv. kwalunkwe investigazzjoni kriminali pendent;
 - v. kwalunkwe investigazzjoni ċivili jew amministrattiva, proċedimenti ta' infurzar, sanzjonijiet jew deċiżjonijiet oħra ta' infurzar kontra l-persuna li jikkonċernaw kwistjonijiet li jistgħu jitqiesu rilevanti għall-awtorizzazzjoni sabiex tibda l-attività ta' istituzzjoni tal-flus elettroniċi jew għall-ġestjoni soda u prudenti ta' istituzzjoni tal-flus elettroniċi;
 - vi. fejn tali dokumenti jistgħu jinkisbu, ċertifikat uffiċjali jew kwalunkwe dokument ieħor ekwivalenti li jixhed jekk xi wieħed mill-avvenimenti stabbiliti fis-subparagafi (i)-(v) seħħ fir-rigward tal-persuna rilevanti;
 - vii. kwalunkwe każ ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex jitwettaq kummerċ, negozju jew professjoni;

- viii. kwalunkwe rtirar, revoka jew terminazzjoni ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex twettaq kummerċ, negozju jew professjoni;
 - ix. kwalunkwe tkeċċija minn awtorità jew entità tas-settur pubbliku fis-settur tas-servizzi finanzjarji jew minn korp professjonali jew assoċjazzjoni;
 - x. kwalunkwe pożizzjoni ta' responsabbiltà b'entità soġġetta għal kwalunkwe kundanna jew proċediment kriminali, investigazzjonijiet amministrattivi, sanzjonijiet jew deċiżjonijiet oħra ta' infurzar dwar nuqqasijiet relatati mal-imġiba, inkluż fir-rigward ta' frodi, nuqqas ta' onestà, korruzzjoni, ħasil tal-flus, finanzjament tat-terroriżmu jew reat finanzjarju ieħor, jew ta' falliment sabiex jiġu implimentati politiki u proċeduri adegwati sabiex jiġu evitati tali avvenimenti, li saru fiż-żmien meta seħħet l-allegata mġiba, flimkien ma' dettalji ta' dawn l-okkorrenzi u, jekk hemm, tal-involvement tal-persuna fihom;
 - xi. kwalunkwe sensja minn impjeg jew pożizzjoni ta' fiduċja, kwalunkwe tneħħija minn relazzjoni fiduċjarja (minbarra bħala riżultat tar-relazzjoni rilevanti li maż-żmien ser tiġi fi tmiemha) u kwalunkwe sitwazzjoni simili;
- d) lista ta' impriżi li l-persuna tmexxi jew tikkontrolla u li l-applikant huwa konxju tagħhom wara inkjesta dovuta u bir-reqqa; il-perċentwal ta' kontroll jew dirett jew indirett f'dawn il-kumpaniji; l-istatus tagħhom (jekk humiex attivi, xolti, eċċ.); u deskrizzjoni ta' insolvenza jew proċeduri simili;
 - e) fejn awtorità kompetenti diġà wettqet valutazzjoni ta' reputazzjoni tal-persuna fis-settur tas-servizzi finanzjarji, l-identità ta' dik l-awtorità u l-eżitu tal-valutazzjoni;
 - f) il-pożizzjoni finanzjarja attwali tal-persuna, inkluż dettalji dwar is-sorsi ta' dħul, l-assi u l-obbligazzjonijiet, l-interessi fuq it-titoli u l-garanziji, mogħtija jew riċevuti;
 - g) deskrizzjoni ta' kwalunkwe rabta ma'persuni li huma politikament esposti, kif definit fl-Artikolu 3(9) tad-Direttiva (UE) 2015/849⁴.
- 15.3 Fejn persuna jew entità li għandha jew, fil-każ ta' awtorizzazzjoni, ser ikollha parteċipazzjoni kwalifikanti fil-kapital tal-applikant (inkluż entitajiet li mhumiex persuna ġuridika u li jżommu jew għandhom iżommu l-parteċipazzjoni fl-isem proprju tagħhom), l-applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja li tirrelata mal-identità u l-idoneità ta' dik il-persuna ġuridika jew entità:
- a) isem;

⁴ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

- b) fejn il-persuna ġuridika jew entità hija rreġistrata f' reġistru ċentrali, reġistru kummerċjali, reġistru tal-kumpaniji jew reġistru simili li għandu l-istess skopijiet ta' daww imsemmijin hawn fuq, kopja tar-reputazzjoni tajba, jekk possibbli, jew inkella ċertifikat ta' reġistrazzjoni;
- c) l-indirizzi tal-uffiċċju rreġistrat tagħha u, fejn differenti, tal-uffiċċju prinċipali tagħha, u l-post prinċipali tan-negożju;
- d) dettalji ta' kuntatt;
- e) dokumenti korporattivi jew, fejn il-persuna jew l-entità hija rreġistrata fi Stat Membru ieħor, sommarju li jispjega l-karattersitiċi legali ewlenin tal-forma ġuridika jew l-entità;
- f) jekk il-persuna ġuridika jew l-entità qatt kienet irregolata jew hija rregolata minn awtorità kompetenti fis-settur tas-servizzi finanzjarji jew korp governattiv ieħor;
- g) fejn dawn id-dokumenti jistgħu jinkisbu, ċertifikat uffiċjali jew kwalunkwe dokument ekwivalenti ieħor li jixhed l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafi (a) sa (e) maħruġa mill-awtorità kompetenti rilevanti;
- h) l-informazzjoni msemmija fil-Linja gwida 15(2)(c), 15(2)(d) 15(2)(e), 15(2)(f), u 15(2)(g) fir-rigward tal-persuna ġuridika jew entità;
- i) lista li fiha d-dettalji ta' kull persuna li effettivament tmexxi n-negożju tal-persuna ġuridika jew entità, inkluż isimhom, id-data u l-post ta' twelid, l-indirizz, in-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali tagħhom, fejn disponibbli, u curriculum vitae dettaljat (li fih jingħad l-edukazzjoni rilevanti u t-taħriġ, esperjenza professjonali preċedenti, kwalunkwe attività professjonali jew funzjonijiet rilevanti oħra li attwalment qed jitwettqu), flimkien mal-informazzjoni msemmija fil-Linja gwida 15(2)(c) u 15(2)(d) fir-rigward ta' kull persuna tali;
- j) l-istruttura tal-parteciċpazzjoni azzjonarja tal-persuna ġuridika, inkluż mill-inqas isimhom, data u post ta' twelid, indirizz u, fejn disponibbli, numru ta' identifikazzjoni personali jew numru ta' reġistrazzjoni u s-sehem ta' kapital rispettiv u d-drittijiet tal-vot ta' azzjonisti jew membri diretti jew indiretti u sidien benefiċjarji, kif definit fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva (UE) 2015/849;
- k) deskrizzjoni tal-grupp finanzjarju regolat li l-applikant huwa parti minnu, jew jista' jsir parti minnu, u li fiha tiġi indikata l-impriża omm u l-entitajiet ta' kreditu, assigurazzjoni u titoli fi ħdan il-grupp, l-isem tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom (fuq bażi individwali jew konsolidata); u

- l) rapporti finanzjarji annwali, fil-livelli ta' grupp individwali u, fejn applikabbli, dawk konsolidati u subkonsolidati, għall-aħħar tliet snin finanzjarji, fejn il-persuna ġuridika jew l-entità kienet qed taħdem għal dak il-perjodu (jew, jekk anqas minn tliet snin, il-perjodu li għalih il-persuna ġuridika jew l-entità ilha taħdem u li għal dan ġew ippreparati rapporti finanzjarji), approvati mill-awditur statutorju jew ditta tal-awditjar fi f'dan is-sens tad-Direttiva 2006/43/KE⁵, fejn applikabbli, inkluż kull wieħed mill-punti li ġejjin:
- i. il-karta tal-bilanċ;
 - ii. ir-rapporti tad-dħul jew ir-rapport tal-introjt;
 - iii. ir-rapporti annwali u l-annessi finanzjarji u kwalunkwe dokument ieħor irreġistrat mar-reġistru jew l-awtorità kompetenti rilevanti tal-persuna ġuridika;
- m) fejn il-persuna ġuridika m'lihiex taħdem għal perjodu suffiċjenti biex tkun meħtieġa tipprepara rapporti finanzjarji għat-tliet snin finanzjarji immedjatament qabel id-data tal-applikazzjoni, l-applikazzjoni għandha tistabbilixxi r-rapporti finanzjarji eżistenti (jekk ikun hemm);
- n) fejn il-persuna ġuridika jew l-entità għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz, informazzjoni ġenerali dwar ir-reġim regolatorju ta' dak il-pajjiż terz kif applikabbli għall-persuna ġuridika jew l-entità, inkluża informazzjoni sa fejn ir-reġim ta' ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u dak finanzjarju kontra t-terroriżmu ta' pajjiż terz huwa konsistenti mar-Rakkomandazzjonijiet ta' Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja;
- o) għall-entitajiet li ma għandhomx personalità ġuridika bħal impriża ta' investiment kollettiv, fond ta' investimenti sovrani jew fond fiduċjarju, l-applikazzjoni għandha tistabbilixxi l-informazzjoni li ġejja:
- i. l-identità tal-persuni li jimmaniġġjaw l-assi u tal-persuni li huma benefiċjarji jew abbonati, detenturi tal-unità li jikkontrollaw l-impriża ta' investiment kollettiv jew li għandhom parteċipazzjoni li tippermettilhom il-prevenzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-impriża ta' investiment kollettiv;
 - ii. kopja tad-dokument li jstabbilixxi u li jirregola l-entità inkluża l-politika ta' investiment u kwalunkwe restrizzjoni fuq l-investiment applikabbli għall-entità.

15.4 L-applikazzjoni għandha tistabbilixxi l-informazzjoni kollha li ġejja għal kull persuna fiżika jew ġuridika jew entità li għandha jew, fil-każ ta' awtorizzazzjoni, ser ikollha parteċipazzjoni kwalifikanti fil-kapital tal-applikant, u għandu jkun fiha dan li ġej:

⁵ Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87-107).

- a) dettalji tar-raġunijiet finanzjarji jew kummerċjali ta' dik il-persuna jew tal-entità għas-sjieda ta' dik il-parteċipazzjoni jew l-istrateġija tal-persuna jew tal-entità dwar il-parteċipazzjoni, inkluż il-perjodu li għalih il-persuna jew l-entità beħsiebha iżomm il-parteċipazzjoni u kwalunkwe ħsieb li żżid, tnaqqas jew iżomm il-livell tal-parteċipazzjoni fil-futur prevedibbli;
- b) dettalji tal-intenzjonijiet tal-persuna jew tal-entità fir-rigward tal-applikant u tal-influenza tal-persuna jew l-entità li beħsiebha teżerċita fuq l-applikant, inkluż fir-rigward tal-politika tad-dividendi, l-iżvilupp strateġiku u l-allokazzjoni ta' riżorsi tal-applikant, jekk huwiex beħsiebu jaġixxi bħala azzjonist ta' minoranza attiva, u r-raġunament għal tali intenzjoni;
- c) informazzjoni dwar ir-rieda tal-persuna jew tal-entità li tappoġġja l-applikant b'fondi proprji addizzjonali jekk meħtieġ għall-iżvilupp tal-attivitajiet tiegħu jew f'każ ta' diffikultajiet finanzjarji;
- d) il-kontenut ta' kwalunkwe ftehim maħsub ta' azzjonist jew membru ma' azzjonisti jew membri oħrajn fir-rigward tal-applikant;
- e) analiżi dwar jekk b'xi mod il-parteċipazzjoni kwalifikanti hijiex ser tħalli impatt, inkluż bħala riżultat tar-rabtiet mill-qrib tal-persuna mal-applikant, fuq il-kapaċità tal-applikant sabiex jipprovdi informazzjoni fil-ħin u preċiża lill-awtoritajiet kompetenti;
- f) l-identità ta' kull membru tal-korp maniġerjali jew ta' maniġment superjuri li ser imexxi n-negozju tal-applikant u ser ikun inħatar minn tali azzjonisti jew membri, jew wara nomina minnhom, flimkien ma', sal-punt li s'issa għadu ma ngħatax, l-informazzjoni stabbilita fil-Linja gwida 16 hawn taħt.

15.5 L-applikazzjoni għandha tistabbilixxi spjegazzjoni dettaljata tas-sorsi speċifiċi ta' finanzjament għall-parteċipazzjoni ta' kull persuna jew entità li jkollha parteċipazzjoni kwalifikanti fil-kapital tal-applikant, li għandha tinkludi:

- a) dettalji dwar l-użu ta' riżorsi finanzjarji privati, inkluża d-disponibbiltà u (sabiex jiġi żgurat li l-awtorità kompetenti hija sodisfatta li l-attività li ġġenerat il-fondi hija leġittima) s-sors tagħhom;
- b) dettalji dwar l-aċċess għal swieq finanzjarji, inkluż dettalji dwar strumenti finanzjarji li għandhom jinħarġu;
- c) informazzjoni dwar l-użu ta' fondi mislufa, inkluż l-isem tal-mutwanti u d-dettalji tal-faċilitajiet mogħtija, bħal maturitajiet, termini, interessi fuq it-titoli u garanziji, kif ukoll informazzjoni dwar is-sors ta' dħul li għandu jintuża sabiex dan is-self jitħallas lura; fejn il-mutwant mhuwiex istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja awtorizzata sabiex

tagħti kreditu, l-applikant għandu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni dwar l-oriġini tal-fondi mislufa;

- d) informazzjoni dwar kwalunkwe arranġament finanzjarju ma' persuni oħra li huma azzjonisti jew membri tal-applikant.

Linja Gwida 16: Valutazzjoni tal-identità u tal-idoneità tad-diretturi u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-istituzzjoni tal-flus elettroniċi

16.1 Għall-iskopijiet tal-valutazzjoni tal-identità u tal-idoneità tad-diretturi u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-istituzzjoni tal-flus elettroniċi, l-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

a) Dettalji personali, inkluż:

- i. ismu, is-sess, il-post u d-data tat-twelid, l-indirizz u n-nazzjonalità, u n-numru tal-identifikazzjoni personali jew kopja tal-karta tal-identità jew ekwivalenti.
- ii. dettalji tal-pożizzjoni li għaliha qed tintalab il-valutazzjoni, jekk il-pożizzjoni tal-korp manigġerjali hijiex eżekuttiva jew mhux eżekuttiva. Dan għandu jinkludi wkoll id-dettalji li ġejjin:
 - l-ittra tal-ħatra, il-kuntratt, l-offerta ta' impjieg jew abbozzi rilevanti, kif applikabbli;
 - id-data inizjali ppjanata u d-durata tal-mandat;
 - deskrizzjoni tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-individwu.

b) fejn applikabbli, informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-idoneità mwettqa mill-applikant, li għandha tinkludi d-dettalji tar-riżultat ta' kwalunkwe valutazzjoni tal-idoneità tal-individwu mwettqa mill-istituzzjoni, b'hal minuti tal-bord rilevanti jew rapporti dwar il-valutazzjoni tal-idoneità jew dokumenti oħra;

c) evidenza tal-għarfien, ħiliet u esperjenza, li għandha tinkludi curriculum vitae li jkun fih dettalji tal-edukazzjoni u l-esperjenza professjonali, inklużi kwalifiki akkademiċi, taħriġ rilevanti ieħor, l-isem u n-natura tal-organizzazzjonijiet kollha li għalihom l-individwu jaħdem jew ħadem, u n-natura u d-durata tal-funzjonijiet imwettqa, b'mod partikolari bl-enfasi tkun fuq l-attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-pożizzjoni mfittxija;

d) evidenza tar-reputazzjoni, onestà u integrità, li għandha tinkludi:

- i. rekords kriminali u informazzjoni rilevanti dwar investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali, każijiet ċivili u amministrattivi rilevanti, u azzjonijiet dixxiplinari, inkluż

skwalifika bħala direttur ta' kumpanija, falliment, insolvenza u proċeduri simili, b'mod partikolari permezz ta' ċertifikat uffiċjali jew kwalunkwe sors ta' informazzjoni li huwa oġġettivament affidabbli dwar in-nuqqas ta' kundanna, investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali, bħal investigazzjonijiet ta' parti terza, xhieda li saret minn avukat jew nutar stabbilit fl-Unjoni Ewropea;

- ii. dikjarazzjoni dwar jekk hemmx proċedimenti kriminali pendenti jew jekk il-persuna jew kwalunkwe organizzazzjoni mmexxija minnu jew minnha kinux involuti bħala debitur fi proċedimenti ta' insolvenza jew proċedimenti paragonabbli;
- iii. informazzjoni dwar dan li ġej:
 - investigazzjonijiet, proċedimenti ta' infurzar jew sanzjonijiet minn awtorità superviżorja li l-individwu kien direttament jew indirettament involut fiha;
 - rifjut ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex jitwettaq kummerċ, negozju jew professjoni; l-irtirar, ir-revoka jew it-terminazzjoni ta' reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni, is-sħubija jew il-liċenzja; jew tkeċċija minn korp regolatorju jew governattiv jew minn korp professjonali jew assoċjazzjoni;
 - tkeċċija minn impjeg jew pożizzjoni ta' fiduċja, relazzjoni fiduċjarja jew sitwazzjoni simili, jew jekk il-persuna ntalbet tirriżenja minn impjeg f'pożizzjoni bħal din, bl-esklużjoni ta' sensji;
 - jekk saritx diġà valutazzjoni tar-reputazzjoni tal-individwu bħal akkwirent jew persuna li tmexxi n-negozju ta' istituzzjoni minn awtorità kompetenti oħra, inkluża l-identità ta' dik l-awtorità, id-data tal-valutazzjoni u l-evidenza tal-eżitu ta' din il-valutazzjoni, u l-kunsens tal-individwu, fejn meħtieġ, sabiex ifittex tali informazzjoni biex ikun jista' jipproċessa u juża l-informazzjoni pprovduta għall-valutazzjoni tal-idoneità;
 - jekk twettqitx diġà xi valutazzjoni oħra qabel tal-individwu, bl-awtorità minn settur ieħor mhux finanzjarju, inklużi l-identità ta' dik l-awtorità u l-evidenza tal-eżitu ta' din il-valutazzjoni.

Linja Gwida 17: Identità ta' awdituri statutorji u ditti tal-awditjar

L-identità ta' awdituri statutorji u ditti tal-awditjar kif definit fid-Direttiva 2006/43/KE li għandha tiġi pprovduta mill-applikant, fejn rilevanti, għandu jkun fiha l-ismijiet, l-indirizzi u d-dettalji ta' kuntatt tal-awdituri.

Linja Gwida 18: L-Assigurazzjoni ta' Indennizz Professjonali jew garanzija komparabbli għas-servizzi ta' bidu ta' pagament u servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet

Bħala evidenza ta' Assigurazzjoni ta' Indennizz Professjonali jew garanzija komparabbli li hija konformi mal-Linji gwida tal-EBA dwar il-kriterji dwar kif jiġi stipulat l-ammont monetarju minimu tal-assigurazzjoni professjonali jew garanzija komparabbli oħra (EBA/GL/2017/08) u l-Artikolu 5(2) u 5(3) tal-PSD2, l-applikant għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li, flimkien mas-servizzi tal-flus elettroniċi, beħsiebu jipprovdi PIS jew AIS, għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

- a) kuntratt tal-assigurazzjoni jew dokument ekwivalenti ieħor li jikkonferma l-eżistenza tal-Assigurazzjoni ta' Indennizz Professjonali jew garanzija komparabbli, b'ammont ta' kopertura li jkun konformi mal-Linji gwida tal-EBA msemmija, li juri l-kopertura tal-obbligazzjonijiet rilevanti;
- b) dokumentazzjoni ta' kif l-applikant ikkalkula l-ammont minimu b'mod li jkun konformi mal-Linji gwida tal-EBA msemmija (EBA/GL/2017/08), inklużi l-komponenti kollha applikabbli tal-formula speċifikata fiha.

4.4 Linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-kompletezza tal-applikazzjoni

Linja Gwida 1: Valutazzjoni tal-kompletezza tal-applikazzjoni

- 1.1. Applikazzjoni għandha titqies kompluta għall-iskop tal-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 jekk ikun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jivvalutaw l-applikazzjoni f'konformità ma' dawn il-linji gwida u mal-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
- 1.2. Meta l-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni tkun ivvalutata bħala mhux kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat, f'forma stampata jew permezz ta' mezzi elettroniċi, talba lill-applikant, li fiha jiġi indikat b'mod ċar liema informazzjoni hija nieqsa, u għandha tagħti lill-applikant l-opportunità li jippreżenta l-informazzjoni nieqsa.
- 1.3. Meta applikazzjoni tiġi vvalutata bħala kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant dwar dan il-fatt, flimkien mad-data tal-wasla tal-applikazzjoni kompluta jew, skont kif ikun il-każ, id-data tal-wasla tal-informazzjoni li permezz tagħha l-applikazzjoni kienet kompluta.
- 1.4. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità kompetenti tista' tirrikjedi lill-applikant jipprovdi kjarifika dwar l-informazzjoni għall-iskopijiet ta' valutazzjoni tal-applikazzjoni.
- 1.5. Meta applikazzjoni jkun fiha informazzjoni, jew tiddependi fuq informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti, li mhijiex aktar vera, preċiża jew kompluta, għandu jingħata aġġornament għall-applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien. L-aġġornament għandu jidentifika l-informazzjoni kkonċernata, il-post tagħha fi ħdan l-applikazzjoni oriġinali, ir-raġuni għaliex l-informazzjoni mhijiex aktar vera, preċiża jew kompluta, l-informazzjoni aġġornata u konferma li l-bqija tal-informazzjoni fl-applikazzjoni tibqa' vera, preċiża u kompluta.